KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PITRUZZELLA
ippreżentati fl-14 ta' Ottubru 2021 [1]

Kawża C-83/20

BPC Lux 2 Sàrl,
BPC UKI LP,
Bennett Offshore Restructuring Fund Inc.,
Bennett Restructuring Fund LP,
Queen Street Limited,
BTG Pactual Global Emerging Markets and Macro Master Fund LP,
BTG Pactual Absolute Return II Master Fund LP,
CSS LLC,
Beltway Strategic Opportunities Fund LP,
EJF Debt Opportunities Master Fund LP,
TP Lux HoldCo Sàrl,
VR Global Partners LP,
CenturyLink Inc. Defined Benefit Master Trust,
City of New York Group Trust,
Dignity Health,
GoldenTree Asset Management Lux Sàrl,
GoldenTree High Yield Value Fund Offshore 110 Two Ltd,
San Bernardino County Employees Retirement Association,
EJF DO Fund (Cayman) LP,
Massa Insolvente da Espírito Santo Financial Group SA
vs
Banco de Portugal,
Banco Espírito Santo SA,
Novo Banco SA

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supremo Tribunal Administrativo (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Portugall))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2014/59/UE – Irkupru u riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti ta' investiment – Artikoli 36, 73 u 74 – Traspożizzjoni parzjali ta' direttiva qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni –

[1] Lingwa oriġinali: it-Taljan.

Riżoluzzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu – Trattament tal-azzjonisti u tal-krediturі – Prinċipju "*No creditor worse off*" – Artikolu 17 tal-Karta"

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mis-Supremo Tribunal Administrativo (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Portugall), għandha bħala suġġett l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2014/59/UE tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment[2], kif ukoll tal-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jistabbilixxi l-protezzjoni tad-dritt għall-proprjetà.

2. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari saret fil-kuntest ta' azzjoni mressqa quddiem il-qrati amministrattivi Portugiżi minn ċerti azzjonisti u detenturi ta' bonds subordinati tal-Banco Espírito Santo (iktar 'il quddiem il-"BES") li permezz tagħha jitolbu l-annullament tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni tal-BES adottata mill-Banco de Portugal fl-2014.

3. Il-partikolarità ta' din il-kawża qiegħda fil-fatt li l-imsemmija deċiżjoni ġiet adottata bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li kienet ġiet introdotta fid-dritt Portugiż ħafna qabel l-adozzjoni tad-Direttiva 2014/59, iżda li kienet ġiet emendata b'att li kien ittraspona tali direttiva parzjalment biss, qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tagħha.

4. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li abbażi tagħha ġiet adottata d-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni tal-BES mad-Direttiva 2014/59 u mal-Artikolu 17 tal-Karta, minħabba n-nuqqas ta' traspożizzjoni ta' sensiela ta' rekwiżiti previsti mid-Direttiva stess. Hija tistaqsi wkoll jekk tali leġiżlazzjoni setgħetx, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni, tikkompromettі serjament ir-riżultat li għandu jintlaħaq mid-Direttiva 2014/59, skont l-istandard li jirriżulta mill-ġurisprudenza li toħroġ mis-sentenza tat-18 ta' Diċembru 1997, Inter-Environnement Wallonie (C-129/96, EU:C:1997:628, iktar 'il quddiem is-"sentenza Inter-Environnement Wallonie") dwar l-obbligi li għandhom l-Istati Membri matul it-terminu ta' traspożizzjoni ta' direttiva.

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

5. L-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/59, intitolat "Prinċipji ġenerali li jirregolaw ir-riżoluzzjoni", jipprovdi kif ġej:

"1 L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta japplikaw l-għodod ta' riżoluzzjoni u jeżerċitaw is-setgħat ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tittieħed skont il-prinċipji li ġejjin:

(a) l-azzjonisti tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jġarrbu l-ewwel telf;

[2] Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190).

(b) il-krediturі tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jġarrbu t-telf wara l-azzjonisti skont l-ordni ta' prijorità tal-pretensjonijiet tagħhom taħt proċeduri normali ta' insolvenza, ħlief kif altrimenti previst espressament f'din id-Direttiva; […]"

6. L-Artikolu 36 tad-Direttiva 2014/59, intitolat "Valwazzjoni għall-finijiet ta' riżoluzzjoni" jipprovdi kif ġej:

"1. Qabel ma jieħdu azzjoni ta' riżoluzzjoni jew jeżerċitaw is-setgħa tal-valwazzjoni negattiva jew tal-konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jiżguraw li titwettaq valutazzjoni ġusta, prudenti u realistika tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) minn persuna indipendenti minn ta' awtorità pubblika, inkluża l-awtorità ta' riżoluzzjoni, u l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1). […]

4. L-għanijiet tal-valwazzjoni għandhom ikunu:

(a) li tipprovdi informazzjoni biex jiġi ddeterminat jekk il-kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni jew il-kondizzjonijiet għall-valwazzjoni negattiva jew għall-konverżjoni ta' strumenti kapitali jkunux milħuqa;

(b) jekk il-kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni jkunu milħuqa, tipprovdi informazzjoni biex tittieħed id-deċiżjoni dwar l-azzjoni ta' riżoluzzjoni adatta li għandha tittieħed fir-rigward tal-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1);

[…]

(e) meta tiġi applikata l-għodda ta' istituzzjoni transitorja jew l-għodda tas-separazzjoni tal-assi, tipprovdi informazzjoni biex tittieħed id-deċiżjoni dwar l-assi, id-drittijiet, l-obbligazzjonijiet[, l-ishma] jew l-istrumenti ta' sjieda [titoli oħra ta' proprjetà] li għandhom jiġu ttrasferiti u d-deċiżjoni dwar il-valur ta' kwalunkwe konsiderazzjoni li għandha tingħata lill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew, skont il-każ, lill-azzjonisti [jew proprjetarji ta' titoli oħra ta' proprjetà];

[…]

(g) fil-każijiet kollha, biex tiżgura li kwalunkwe telf tal-assi tal-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) ikun rikonoxxut bis-sħiħ fil-mument li fih jiġu applikati l-għodod ta' riżoluzzjoni jew tiġi eżerċitata s-setgħa tal-valwazzjoni negattiva rilevanti jew tal-konverżjoni ta' strumenti kapitali. […]

8. Il-valwazzjoni għandha tindika s-subdiviżjoni tal-krediturі fi klassijiet f'konformità mal-livelli ta' prijorità taħt il-liġi applikabbli tal-insolvenza u stima tat-trattament li kull klassi ta' azzjonisti u krediturі kienet mistennija li tirċievi kieku l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) tkun ġiet stralċjata taħt proċeduri ta' insolvenza normali.

Dik l-istima m'għandhiex taffettwa l-applikazzjoni tal-prinċipju 'l-ebda kreditur ma jmur agħar' [*no creditor worse off*] li għandha titwettaq taħt l-Artikolu 74."

7. L-Artikolu 73 tad-Direttiva 2014/59, intitolat "Trattament tal-azzjonisti u l-krediturifkaż ta' trasferimenti parzjali u l-applikazzjoni tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna" jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta tiġi applikata għodda waħda jew aktar ta' riżoluzzjoni u, b'mod partikolari għall-finijiet tal-Artikolu 75:

(a) ħlief meta japplika l-punt (b), fejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jittrasferixxu biss partijiet mid-drittijiet, l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, l-azzjonisti u dawk il-krediturili l-pretensjonijiet tagħhom ma jkunux ġew ittrasferiti, jirċievu b'risarċiment għall-pretensjonijiet tagħhom mill-inqas kemm kieku kienu jirċievu kieku l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni ġiet stralċjata skont proċeduri normali ta' insolvenza jew meta d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 82 ittieħdet;".

8. L-Artikolu 74 tad-Direttiva 2014/59, intitolat "Valwazzjoni tad-differenza fit-trattament" jipprovdi:

"1. Għall-finijiet tal-valutazzjoni dwar jekk l-azzjonisiti u l-krediturijkunux ħadu trattament aħjar kieku l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni kienet daħlet fi proċeduri normali ta' insolvenza, inkluż iżda mhux limitat għall-finijiet tal-Artikolu 73, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li titwettaq valwazzjoni minn persuna indipendenti mill-aktar fis possibbli wara li titwettaq azzjoni jew azzjonijiet ta' riżoluzzjoni. Dik il-valwazzjoni għandha tkun distinta mill-valwazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 36.

2. Il-valwazzjoni fil-paragrafu 1 għandha tiddetermina:

(a) it-trattament li l-azzjonisti u l-krediturijew l-iskemi rilvanti ta' garanzija ta' depożiti, kienu jirċievu kieku l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni li fir-rigward tagħha l-azzjoni jew l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni jkunu seħħu, daħlet fi proċeduri normali ta' insolvenza fil-mument meta ttieħdet id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 82;

(b) it-trattament effettiv li l-azzjonisti u l-krediturirċevew, fir-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni; u;

(c) jekk hemmx xi differenza fit-trattament imsemmi fil-punt (a) u t-trattament imsemmi fil-punt (b).

3. Il-valutazzjoni għandha:

(a) tassumi li l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni li fir-rigward tagħha l-azzjoni jew l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni jkunu seħħu, daħlet fi proċeduri normali ta' insolvenza fil-mument meta ttieħdet id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 82; tassumi li l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni li fir-rigward tagħha l-azzjoni jew l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni jkunu seħħu, daħlet fi proċeduri normali ta' insolvenza fil-mument meta ttieħdet id-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 82;

(b) tassumi li l-azzjoni jew l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni ma kinux seħħu;

(c) tinjora kwalunkwe dispożizzjoni ta' għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja lill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni. […]"

B. Id-dritt Portugiż

9. Fil-Portugall ġiet introdotta leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-irkupru u tar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-qafas tar-Regime Geral das Instituições de Crédito e Sociedades Financeiras (is-Sistema Ġenerali tal-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u tal-Kumpanniji Finanzjarji, iktar 'il quddiem is-"SĠIKKF") mid-Digriet-Liġi Nru 31-A/2012 tal-10 ta' Frar 2012.

10. Din il-leġiżlazzjoni ġiet emendata mid-Digriet-Liġi Nru 114-A/2014 tal-1 ta' Awwissu 2014, li ttraspona parzjalment id-Direttiva 2014/59, permezz ta' traspożizzjoni ta' aspetti speċifiċi tal-istess.

11. B'mod partikolari, id-Digriet-Liġi Nru 114-A/2014 emenda l-Artikoli 145-B, 145-F u 145-H tas-SĠIKKF, li wara l-imsemmija emenda kienu jaqraw kif ġej:

"Artikolu 145-B […]

1 – L-applikazzjoni ta' azzjonijiet ta' riżoluzzjoni, fid-dawl tal-għanijiet tal-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni stabbiliti fl-artikolu preċedenti, hija intiża li tiggarantixxi li:

a) l-azzjonisti tal-istituzzjoni ta' kreditu jbatu b'mod prijoritarju t-telf tal-istituzzjoni kkonċernata;

b) il-krediturituzzjoni ta' kreditu jbatu b'mod sekondarju u b'kundizzjonijiet ġusti l-bqija tat-telf tal-istituzzjoni kkonċernata, skont l-ordni ġerarkika tad-diversi klassijiet ta' krediturituzzjoni;

c) ebda kreditur tal-istituzzjoni ta' kreditu ma jbati telf ikbar minn dak li kien ibati f'każ ta' stralċ tal-istituzzjoni.

[…]

3 – F'każ fejn, mat-terminazzjoni tal-istralċ tal-istituzzjoni ta' kreditu suġġetta għall-azzjoni ta' riżoluzzjoni, il-krediturituzzjoni li l-krediti tagħhom ma ġewx ittrasferiti lejn istituzzjoni ta' kreditu oħra jew bank tranżitorju batew telf ikbar mill-ammont stmat, skont l-evalwazzjoni prevista mill-Artikolu 145-F(6) u mill-Artikolu 145-H(4), li kienu jġarrbu f'każ ta' stralċ tal-istituzzjoni fil-mument immedjatament preċedenti għal dak tal-applikazzjoni tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni, tali krediturituzzjoni għandhom dritt jirċievu tali differenza mill-Fond ta' riżoluzzjoni.

Artikolu 145-F […]

6 – Skont ma jipprovdi l-Artikolu 145-B(3), l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti tinkludi wkoll stima tal-livell ta' rkupru tal-krediti ta' kull klassi ta' krediturituzzjoni, skont l-ordni ġerarkika stabbilita mil-liġi, f'każ ta' stralċ tal-istituzzjoni ta' kreditu fil-mument immedjatament preċedenti għal dak tal-applikazzjoni tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni.

[…]

Artikolu 145-H

4 – L-attiv, il-passiv, l-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali u l-attiv taħt amministrazzjoni magħżula skont il-paragrafu 1 huma suġġetti għal evalwazzjoni, imwettqa fil-mument tat-trasferiment, magħmula minn istituzzjoni indipendenti nnominata mill-Banco de Portugal,

f'terminu stabbilit minnu, bi spejjeż tal-isitituzzjoni ta' kreditu, fejn tali evalwazzjoni għandha tinkludi wkoll, skont ma jipprovdi l-Artikolu 145-B(3) stima tal-livell ta' rkupru tal-krediti ta' kull klassi ta' krediturі, skont l-ordni ġerarkika stabbilita mil-liġi, f'każ ta' stralċ tal-istituzzjoni ta' kreditu oriġinali fil-mument immedjatament preċedenti għal dak tal-applikazzjoni tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni.

Artikolu 145-I

[…]

3 – Id-dħul mill-bejgħ għandu jintuża b'mod prijoritarju, proporzjonalment, għall-ħlas lura:

a) lill-Fond ta' riżoluzzjoni tal-ammonti kollha mislufa skont l-Artikolu 145-H(6);

b) lill-Fond ta' garanzija tad-depożiti u lill-Fond ta' garanzija tal-Crédito Agrícola Mútuo tal-ammonti kollha mislufa skont l-Artikolu 145-H(7)."

12. It-traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/59 tlestiet permezz tal-approvazzjoni tal-Liġi Nru 23-A/2015, tas-26 ta' Marzu 2015.

II. Il-fatti li wasslu għall-kawża, il-proċedura prinċipali u d-domandi preliminari

13. Il-BES kien wieħed mill-istituzzjonijiet ta' kreditu prinċipali fis-sistema bankarja Portugiża. Minħabba s-sitwazzjoni ta' kriżi finanzjarja gravi tiegħu, il-BES kien is-suġġett ta' deċiżjoni ta' riżoluzzjoni adottata mill-Banco de Portugal fit-3 ta' Awwissu 2014. Din id-deċiżjoni ġiet adottata minħabba r-riskju serju u gravi ta' nuqqas ta' twettiq tal-obbligi tiegħu li fih kien jinsab il-BES, b'tali mod li, mingħajr l-approvazzjoni urġenti tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni, l-istituzzjoni kienet inevitabbilment tmur għas-sospensjoni tal-ħlasijiet u għar-revoka tal-awtorizzazzjoni għall-eżerċizzju tal-attività ta' istituzzjoni ta' kreditu bil-konsegwenza li titpoġġa fi stralċ, ħaġa li kienet tirrappreżenta riskju sistemiku enormi u theddida serja għall-istabbilità finanzjarja.

14. L-imsemmija deċiżjoni ta' riżoluzzjoni tal-BES ġiet adottata abbażi tas-SĠIKKF fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mid-Digriet-Liġi Nru 31-A/2012, kif emendat bid-Digriet-Liġi Nru 114-A/2014.

15. Tali deċiżjoni ta' riżoluzzjoni tal-BES involviet il-ħolqien ta' istituzzjoni tranżitorja, imsemmija "Novo Banco S.A.", li lilha ġew ittrasferiti l-essenzjal tal-attiv, tal-passiv u tal-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali tal-BES.

16. Massa Insolvente da Espírito Santo Financial Group, S.A., (iktar 'il quddiem "Massa Insolvente") hija kumpannija li kellha, direttament u indirettament, sehem fil-kapital azzjonarju tal-BES.

17. BPC 2 Lux *et* huma proprjetarji ta' bonds subordinati maħruġa mill-BES.

18. Massa Insolvente u BPC 2 Lux *et* ikkontestaw il-miżura ta' riżoluzzjoni tal-BES fejn talbu l-annullament quddiem il-qrati Portugiżi. Huma sostnew, *inter alia*, li tali miżura ta' riżoluzzjoni kienet ġiet adottata bi ksur tad-dritt tal-Unjoni.

19. Adita b'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju għandha ċerti dubji dwar il-miżuri adottati mil-leġiżlatur Portugiż fil-kuntest tal-implimentazzjoni parzjali tiegħu tad-Direttiva 2014/59. Din il-qorti ssostni li jeħtieġ li tiġi ċċarata l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli tad-dritt tal-Unjoni biex jiġu evalwati l-motivi ta' illegalità li ġew invokati.

20. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u d-Direttiva 2014/59/UE […] u, speċjalment, l-Artikoli 36, 73 u 74 tagħha, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik [tal-kawża prinċipali] u li ġiet applikata permezz tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni li tikkonsisti fil-ħolqien ta' istituzzjoni tranżitorja u strument ta' separazzjoni tal-assi, li, waqt li kienet tittrasponi parzjalment dik id-direttiva u dan matul id-dekorriment tal-perijodu totali ta' traspożizzjoni tal-istess direttiva:

a) ma tipprevedix it-twettiq ta' evalwazzjoni ġusta, prudenti u realistika tal-attiv u tal-passiv tal-istituzzjoni li hija s-suġġett tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni fil-mument qabel l-adozzjoni ta' din l-azzjoni?

b) ma tipprevedix il-ħlas ta' korrispettiv eventwali, skont l-evalwazzjoni msemmija fil-punt preċedenti, lill-istituzzjoni li hija s-suġġett ta' riżoluzzjoni jew, skont il-każ, lill-proprjetarji tal-azzjonijiet jew ta' strumenti oħra ta' proprjetà u, minflok, tillimita lilha nnifisha tipprovdi li l-ammont residwu eventwali tal-prodott ta' trasferiment tal-bank tranżitorju għandu jingħata lura lill-istituzzjoni ta' kreditu oriġinali jew lill-massa fallimentari tagħha?

c) ma tipprevedix li l-azzjonisti tal-istituzzjoni li hija s-suġġett tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni għandhom id-dritt jirċievu valur mhux inferjuri minn dak stmat li jirċievu li kieku l-istituzzjoni kellha titqiegħed totalment fi stralċ skont il-proċeduri normali ta' falliment, iżda tipprevedi tali mekkaniżmu ta' salvagwardja biss għall-kredituri li l-krediti tagħhom ma jkunux ġew ittrasferiti?

d) ma tipprevedix evalwazzjoni indipendenti mill-evalwazzjoni msemmija fil-punt a), intiża sabiex tevalwa jekk l-azzjonisti u l-kredituri kienu jirċievu trattament inqas favorevoli li kieku l-istituzzjoni suġġett ta' riżoluzzjoni kellha tidħol fi proċedura normal ta' falliment?

2) Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fis-sentenza [Inter-Environnement Wallonie], leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik imsemmija fil-proċess fil-kawża prinċipali, inkwantu traspożizzjoni parzjali tad-Direttiva 2014/59, tirriżulta li, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni, tista' tikkompromett serjament ir-riżultat li għandu jintlaħaq mid-Direttiva, b'mod speċifiku mil-Artikoli 36, 73 u 74 tagħha?"

III. Analiżi ġuridika

21. F'din il-kawża l-qorti tar-rinviju tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja żewġ domandi preliminari intiżi li tiġi vverifikata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni tas-sistema Portugiża fil-qasam tar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, introdotta mis-SĠIKKF fl-2012 u suċċessivament emendata fl-2014, sistema li ġiet applikata għall-proċedura ta' riżoluzzjoni tal-BES.

22. L-ewwel domanda preliminari tinqasam f'żewġ partijiet. Fl-ewwel parti, il-qorti tar-rinviju tirreferi għall-Artikolu 17 tal-Karta, li jistabbilixxi l-protezzjoni tad-dritt għall-proprjetà; fit-tieni parti ta' din id-domanda, l-imsemmija qorti tirreferi, min-naħa l-oħra, għad-Direttiva 2014/59, u b'mod partikolari għall-Artikoli 36, 73 u 74 tagħha. Tali direttiva u speċifikament, l-imsemmija artikoli tagħha, huma s-suġġett ukoll tat-tieni domanda preliminari.

23. Għaldaqstant, kemm it-tieni parti tal-ewwel domanda preliminari kif ukoll it-tieni domanda preliminari huma intiżi li tiġi vverifikata l-konformità mad-Direttiva 2014/59 tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, anki jekk abbażi ta' żewġ standards differenti. Filwaqt li t-tieni parti tal-ewwel domanda preliminari hija intiża li jiġi vverifikat jekk tali direttiva tipprekludix, bħala tali, leġiżlazzjoni nazzjonali ta' dan it-tip, it-tieni domanda preliminari hija, min-naħa l-oħra, intiża li jiġi vverifikat jekk tali leġiżlazzjoni tistax "tikkompromett serjament ir-riżultat li għandu jintlaħaq" minn din id-direttiva, skont l-istandard żviluppat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza li toħroġ mill-imsemmija sentenza Inter-Environnement Wallonie dwar l-obbligi li għandhom l-Istati Membri matul it-terminu ta' traspożizzjoni ta' direttiva.

24. F'dan il-kuntest, insostni, qabelxejn, li jeħtieġ li jsiru xi kunsiderazzjonijiet ta' natura preliminari dwar l-applikabbiltà, għal dan il-każ, tad-dispożizzjonijiet ta' dritt tal-Unjoni li għalihom tirreferi l-qorti tar-rinviju.

A. Kunsiderazzjonijiet preliminari dwar l-applikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni

25. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli fil-proċedura nazzjonali, jiġifieri dik fis-seħħ fil-mument tal-adozzjoni tal-miżura ta' riżoluzzjoni tal-BES fit-3 ta' Awwissu 2004, u li hija s-suġġett tad-domandi preliminari, hija kkostitwita mis-sistema Portugiża li tirrigwarda l-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, introdotta fis-SĠIKKF mid-Digriet-Liġi Nru 31-A/2012 tal-10 ta' Frar 2012, kif suċċessivament emendat mid-Digriet-Liġi Nru 114-A/2014 tal-1 ta' Awwissu 2014.

26. Mill-atti tal-proċess jirriżulta li d-Digriet-Liġi Nru 31-A/2012 ġie adottat qabel il-preżentazzjoni, min-naħa tal-Kummissjoni, tal-proposta għal direttiva li mbagħad wasslet għall-adozzjoni tad-Direttiva 2014/59[3]. Dan l-att, għaldaqstant, bħala tali, ma setax ċertament jikkostitwixxi traspożizzjoni ta' tali direttiva. Barra minn hekk, bi tweġiba għal mistoqsija preċiża tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Gvern Portugiż iċċara, li d-Digriet-Liġi Nru 31-A/2012 ma ttraspona ebda att ieħor tad-dritt tal-Unjoni[4].

27. Min-naħa l-oħra, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta espliċitament li d-Digriet-Liġi Nru 114-A/2014 li emenda s-sistema Portugiża li tirrigwarda l-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-2012 ipproċeda bi traspożizzjoni ta' aspetti speċifiċi

[3] Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 77/91/KEE u 82/891/KE, id-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/KE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (COM(2012)280 final) ġiet ippubblikata fis-6 ta' Ġunju 2012.

[4] B'mod partikolari l-Gvern Portugiż iċċara li tali digriet ma kienx jikkostitwixxi traspożizzjoni tad-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol 4, p. 15), li kienet ġiet trasposta fid-dritt Portugiż b'att ieħor, jiġifieri d-Digriet-Liġi Nru 199/2006 tal-25 ta' Ottubru 2006.

tad-Direttiva 2014/59, filwaqt li ma ttrasponiex id-dispożizzjonijiet kollha tagħha. Il-preambolu ta' tali digriet liġi jispeċifika, mill-bqija, espliċitament li huwa intiż li jittrasponi fid-dritt Portugiż il-prinċipju "*no creditor worse off*" [5] prevista mid-Direttiva 2014/59.

28. F'dan ir-rigward, barra minn hekk, mill-Artikolu 130 tad-Direttiva 2014/59 jirriżulta, min-naħa, li t-terminu biex l-Istati Membri jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-direttiva kien il-31 ta' Diċembru 2014 u, min-naħa l-oħra, li l-Istati Membri kellhom japplikaw tali dispożizzjonijiet b'effett mill-1 ta' Jannar 2015 [6].

29. Għaldaqstant għandu jiġi kkonstatat li, kif wara kollox ġie rrilevat mill-istess qorti tar-rinviju, id-Digriet-Liġi Nru 114-A/2014 ipproċeda bi traspożizzjoni parzjali tad-Direttiva 2014/59 qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tal-istess, b'mod iktar preċiż madwar ħames xhur qabel ma skada t-terminu. It-traspożizzjoni fid-dritt Portugiż ta' din id-direttiva tlestiet imbagħad fl-2015 permezz tal-Liġi Nru 23-A/2015.

30. Huwa f'dan il-kuntest leġiżlattiv li jeħtieġ li tiġi vverifikata l-applikabbiltà tad-Direttiva 2014/59 u tal-Karta għal dan il-każ.

1. Fuq l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/59

31. Mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, peress li t-terminu ta' traspożizzjoni ta' direttiva huwa intiż, b'mod partikolari, li jagħti lill-Istati Membri ż-żmien meħtieġ biex jadottaw id-dispożizzjonijiet ta' traspożizzjoni, l-Istati Membri ma jistgħux jiġu kkritikati talli ma jkunux għadhom adottaw il-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha fis-sistema legali tagħhom qabel l-iskadenza ta' dan it-terminu [7].

32. Barra minn hekk, peress li matul it-terminu stabbilit għat-traspożizzjoni l-Istati Membri għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw li r-riżultat mixtieq mid-direttiva jitwettaq sal-iskadenza tat-terminu stess [8], huma għandhom il-possibbiltà li jadottaw dispożizzjonijiet provviżorji jew li jimplimentaw direttiva f'diversi fażijiet [9].

33. Mill-ġurisprudenza stabbilita jirriżulta wkoll li direttiva jista' jkollha effett dirett biss minn wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit għat-traspożizzjoni tagħha fis-sistema ġuridika tal-Istati Membri [10]. Għaldaqstant, direttiva ma tistax tiġi invokata quddiem il-qrati nazzjonali fir-rigward ta' proċeduri miftuħa qabel l-iskadenza tal-perijodu preskritt għall-implimentazzjoni tagħha [11].

34. Madankollu, dejjem skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li toħroġ mis-sentenza Inter-Environnement Wallonie msemmija mill-qorti tar-rinviju fit-tieni domanda preliminari tagħha, mill-Artikolu 4(3) TUE u mit-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE jirriżulta

[5] Jiġifieri l-prinċipju li jgħid li ebda kreditur, minħabba l-intervent tal-awtorità, ma għandu jirċievi trattament inqas favorevoli minn dak li kien jirċievi f'każ ta' stralċ tal-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata bi proċedura normali ta' insolvenza.

[6] Bl-eċċezzjoni ta' dawk imsemmija fit-Taqsima 5 tal-Kapitolu V tat-Titolu IV dwar l-istrument tal-rikapitalizzazzjoni interna, li t-terminu massimu għall-applikazzjoni tiegħu kien l-1 ta' Jannar 2016.

[7] Sentenzi Inter-Environnement Wallonie, punt 43, tal-5 ta' Frar 2004 Rieser Internationale Transporte (C-157/02, EU:C:2004:76, punt 68) u tal-15 ta' Ottubru 2009, Hochtief u Linde-Kca-Dresden (C-138/08, EU:C:2009:627, punt 25).

[8] Sentenza Inter-Environnement Wallonie, punt 44.

[9] Sentenza Inter-Environnement Wallonie, punt 49.

[10] Ara s-sentenza tas-17 ta' Jannar 2008, Velasco Navarro (C-246/06, EU:C:2008:19, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[11] Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża BP *et* (C-234/18, EU:C:2019:920, punt 45).

li, matul it-terminu ta' traspożizzjoni ta' direttiva, l-Istati Membri destinatarji tagħha ma għandhomx jadottaw dispożizzjonijiet li jikkompromettu serjament it-twettiq tar-riżultat li għandu jintlaħaq minn din id-direttiva stess [12].

35. Fil-fehma tiegħi, mill-prinċipji ġurisprudenzjali msemmija fil-punti preċedenti jsegwi li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma jistgħux jinvokaw quddiem il-qorti tar-rinviju d-Direttiva 2014/59, bħala tali, biex juru l-inkompatibbiltà tas-sistema Portugiża dwar l-ikupru u r-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fis-seħħ fil-mument tal-adozzjoni tal-miżura ta' riżoluzzjoni tal-BES, jiġifieri qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tad-direttiva stess u dan minkejja li d-Digriet-Liġi Nru 114-A/2014 ipproċeda bi traspożizzjoni parzjali ta' tali direttiva fid-dritt Portugiż qabel l-iskadenza ta' tali terminu.

36. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punt 34 iktar 'il fuq, matul l-imsemmi terminu ta' traspożizzjoni, l-Istat Membru inkwistjoni kellu biss jastjeni milli jadotta dispożizzjonijiet li jistgħu jikkompromettu serjament it-twettiq tar-riżultat li għandu jintlaħaq mid-direttiva stess. Għaldaqstant, huwa biss abbażi ta' tali obbligu, fid-dawl ta' parametri li ser ikunu speċifikati iktar fid-dettall fil-punti 55 *et seq*., li għandha tiġi evalwata l-kompatibbiltà mad-Direttiva 2014/59 tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ f'dak il-mument, li permezz tagħha l-Istat Membru inkwistjoni pproċeda bi traspożizzjoni parzjali ta' tali direttiva, ħaġa li, kif jirriżulta mill-punt 32 preċedenti, huwa kien bla dubju liberu li jagħmel.

37. Fil-fehma tiegħi, din il-konklużjoni ma tiġix ikkontestata mill-ġurisprudenza invokata minn Massa Insolvente li minnha jirriżulta li jistgħu jitqiesu li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' direttiva, mhux biss id-dispożizzjonijiet nazzjonali li l-għan espress tagħhom huwa li jittrasponu l-imsemmija direttiva, iżda wkoll, sa mid-*data tad-dħul fis-seħħ* ta' din id-direttiva, id-dispożizzjonijiet nazzjonali preeżistenti li jistgħu jiżguraw il-konformità tad-dritt nazzjonali ma' din id-direttiva [13].

38. Effettivament, il-fatt li ċerti dispożizzjonijiet nazzjonali preeżistenti jkunu xierqa biex jiggarantixxu l-konformità tad-dritt nazzjonali ma' direttiva u jistgħu għaldaqstant jitqiesu bħala li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' tali direttiva, u għaldaqstant tad-dritt tal-Unjoni, ma jinvolvix neċessarjament li l-Istati Membri jkunu obbligati jiggarantixxu l-konformità sħiħa tad-dritt nazzjonali tagħhom mal-imsemmija direttiva qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tal-istess direttiva, u li għaldaqstant l-obbligi li jaqgħu fuqhom imorru lil hinn mill-obbligu ta' astensjoni rrikonoxxut mill-ġurisprudenza msemmija fil-punt 34 iktar 'il fuq. Fil-fehma tiegħi, dan il-fatt lanqas ma jimplika minnu nnifsu li l-individwi, b'kuntrast ma' dak li jinsab stabbilit fil-ġurisprudenza msemmija fil-punt 33 iktar 'il fuq, jistgħu jinvokaw tali direttiva quddiem il-qrati nazzjonali għal proċedura mibdija qabel l-iskadenza tal-imsemmi terminu ta' traspożizzjoni tad-direttiva stess.

[12] Sentenzi Inter-Environnement Wallonie, punt 45, u, *inter alia*, is-sentenzi tas-26 ta' Mejju 2011, Stichting Natuur en Milieu *et* (C-165/09 sa C-167/09, EU:C:2011:348, punt 78) u, reċentement, tal-11 ta' Frar 2021, M.V. *et* (Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat suċċessivi fis-settur pubbliku) (C-760/18, EU:C:2021:113, punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[13] Sentenzi tas-7 ta' Settembru 2006, Cordero Alonso (C-81/05, EU:C:2006:529, punt 29), tal-21 ta' Lulju 2011, Azienda Agro-Zootecnica Franchini u Eolica di Altamura (C-2/10, EU:C:2011:502, punt 70) u tat-23 ta' April 2009, VTB-VAB u Galatea (C-261/07 u C-299/07, EU:C:2009:244, punt 35).

2. Fuq l-applikabbiltà tal-Karta

39. Għal dak li jirrigwarda l-applikabbiltà tal-Artikolu 17 tal-Karta msemmija mill-qorti tar-rinviju fl-ewwel parti tad-domanda preliminari, jeħtieġ li jitfakkar li l-Artikolu 51(1) tal-Karta jipprevedi li d-dispożizzjonijiet tagħha japplikaw għall-Istati Membri biss meta dawn ikunu qegħdin jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni [14].

40. Mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta fil-fatt li d-drittijiet fundamentali żgurati fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni għandhom japplikaw fis-sitwazzjonijiet kollha rregolati mid-dritt tal-Unjoni, iżda mhux lil hinn minn tali sitwazzjonijiet. Huwa minħabba f'hekk li l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat diġà li hija ma tistax tevalwa, fid-dawl tal-Karta, leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tifformax parti mill-qafas tad-dritt tal-Unjoni [15].

41. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, sabiex jiġi ddeterminat jekk leġiżlazzjoni nazzjonali taqax taħt l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51 tal-Karta, jeħtieġ li jiġi vverifikat, fost elementi oħra, jekk hija għandhiex bħala għan li timplimenta dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, in-natura ta' din il-leġiżlazzjoni u jekk hija ssegwix għanijiet differenti minn dawk koperti mid-dritt tal-Unjoni, anki jekk hija tista' taffettwa indirettament lil din tal-aħħar, kif ukoll, jekk teżistix leġiżlazzjoni tad-dritt tal-Unjoni speċifika fil-qasam jew li tista' taffettwah [16].

42. Jeħtieġ għaldaqstant li jiġi aċċertat jekk il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax titqies bħala li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

43. F'dan ir-rigward nirrileva, qabel xejn, li jidher bla dubju li d-Digriet-Liġi Nru 114-A/2014 jikkostitwixxi miżura ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, kif ġie rrilevat fil-punt 27 iktar 'il fuq, dan ipproċeda biex jittrasponi espliċitament – anki jekk parzjalment u qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni – id-Direttiva 2014/59 fid-dritt Portugiż.

44. Fid-dawl tal-kjarifiki msemmija fil-punt 26 iktar 'il fuq, il-Gvern Portugiż sostna wkoll li l-leġiżlazzjoni preċedenti għad-Digriet-Liġi Nru 31-A/2012, emendata mid-Digriet-Liġi tal-2014, ma tikkostitwixxix bħala tali miżura ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

45. F'dan ir-rigward nirrileva madankollu, min-naħa, li l-istess Gvern Portugiż iċċara li l-leġiżlazzjoni tal-2012 kellha l-istess għan fundamentali tad-Direttiva 2014/59, anki jekk b'modalitajiet parzjalment differenti. Tali leġiżlazzjoni fil-fatt – li għall-adozzjoni tagħha, barra minn hekk, il-leġiżlatur Portugiż kien ispira ruħu mix-xogħol preparatorju tal-imsemmija direttiva – kienet ġiet adottata biex, fl-istennija tal-approvazzjoni tad-Direttiva 2014/59, tantiċipa l-introduzzjoni fid-dritt Portugiż tal-miżuri leġiżlattivi li jirrigwardaw l-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, bil-għan li jiġi evitat li tirrepeti ruħha s-sitwazzjoni ta' preġudizzju serju pubbliku u privat li rriżultat mill-kriżi finanzjarja.

[14] Ara s-sentenzi tal-10 ta' Lulju 2014, Julián Hernández *et* (C-198/13, EU:C:2014:2055, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tal-14 ta' Jannar 2021, Okrazhna prokuratura – Haskovo u Apelativna prokuratura – Plovdiv (C-393/19, EU:C:2021:8, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[15] Sentenzi tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata), tas-6 ta' Marzu 2014, Siragusa (C-206/13, EU:C:2014:126, punt 21), kif ukoll id-digriet tas-7 ta' Settembru 2017, Demarchi Gino u Garavaldi (C-177/17 u C-178/17, EU:C:2017:656, punt 18).

[16] Sentenzi tas-6 ta' Marzu 2014, Siragusa, C-206/13 (EU:C:2014:126, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll tal-10 ta' Lulju 2014, Julián Hernández *et* (C-198/13, EU:C:2014:2055, punt 37) u d-digriet tas-7 ta' Settembru 2017, Demarchi Gino u Garavaldi (C-177/17 u C-178/17, EU:C:2017:656, punt 20).

46. Min-naħa l-oħra, il-Gvern Portugiż iċċara li l-adozzjoni tad-Digriet-Liġi Nru 31-A/2012 kienet intiża li timplimenta u tosserva l-obbligi meħuda mir-Repubblika Portugiża fil-memorandum ta' ftehim dwar il-kundizzjonijiet ta' politika ekonomika tas-17 ta' Mejju 2011 konkluż bejn l-Istat Portugiż u l-Kummissjoni, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Fond Monetarju Internazzjonali.

47. Dan il-memorandum ta' ftehim isib il-bażi legali tiegħu fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja[17], li min-naħa tiegħu, għandu l-bażi legali tiegħu fl-Artikolu 122(2) TFUE[18]. Dan il-memorandum huwa, wkoll, previst fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE tat-30 ta' Mejju 2011 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall[19].

48. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-opportunità li tqis li l-miżuri adottati minn Stat Membru biex jimplimenta impenji li daħal għalihom f'memorandum ta' ftehim li huwa parti mid-dritt tal-Unjoni jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta[20].

49. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni f'din il-kawża jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u li, konsegwentement, id-dispożizzjonijiet tal-Karta huma applikabbli fil-kawża prinċipali.

3. Konklużjoni dwar l-applikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni

50. Bħala konklużjoni, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jeħtieġ fil-fehma tiegħi li jingħad li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma jistgħux jipprevalixxu ruħhom quddiem il-qorti tar-rinviju mid-Direttiva 2014/59, bħala tali, biex jinvokaw l-inkompatibbiltà tas-sistema Portugiża dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fis-seħħ fil-mument tal-adozzjoni tal-miżura ta' riżoluzzjoni tal-BES. Konsegwentement, fil-fehma tiegħi ma hemmx bżonn li tingħata risposta għat-tieni parti tal-ewwel domanda preliminari.

51. Il-konformità mad-Direttiva 2014/59 ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħalma hija dik applikata fil-kawża prinċipali inkwistjoni għandha tiġi vverifikata abbażi tal-istandard żviluppat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza li toħroġ mill-imsemmija sentenza Inter-Environnement Wallonie li tgħid li jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk tali leġiżlazzjoni tistax "tikkomprometti serjament ir-riżultat li għandu jintlaħaq" minn din id-direttiva. Din il-kwistjoni hija s-suġġett tat-tieni domanda preliminari li jeħtieġ, fil-fehma tiegħi, li tiġi analizzata l-ewwel. Imbagħad ser nanalizza l-konformità ta' leġiżlazzjoni nazzjonali ta' dan it-tip mal-Artikolu 17 tal-Karta, kif mitlub fl-ewwel parti tal-ewwel domanda preliminari.

17 ĠU 2010, L 118, p. 1.

18 F'dan ir-rigward, ara s-sentenza tat-8 ta' Novembru 2016, Dowling *et* (C-41/15, EU:C:2016:836, punt 8).

19 ĠU 2011, L 159, p. 88.

20 Ara, b'analoġija, is-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2017, Florescu *et* (C-258/14, EU:C:2017:448, punti 32 sa 35 u 45 sa 48). Dwar l-applikabbiltà tal-Karta fid-dawl tal-Artikolu 51 tal-istess f'sitwazzjoni li tikkonċerna miżuri adottati mir-Repubblika Portugiża fil-kuntest tal-impenji meħuda skont il-leġiżlazzjoni msemmija fil-punt 47, ara l-punti 43 sa 53 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe fil-kawża Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2017:395), ikkonfermati impliċitament mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117).

B. Fuq it-tieni domanda preliminari, dwar id-Direttiva 2014/59

52. Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li toħroġ mis-sentenza Inter-Environnement Wallonie, leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, bħalma hija dik li tinsab fis-SĠIKKF fil-verżjoni applikata għar-riżoluzzjoni tal-BES, li tikkostitwixxi traspożizzjoni parzjali tad-Direttiva 2014/59, tistax, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni, tikkomprometti serjament ir-riżultat li għandu jintlaħaq minn din id-direttiva u b'mod partikolari dak li għandu jintlaħaq mill-Artikoli 36, 73 u 74 tagħha.

53. Din id-domanda preliminari għandha tinqara billi jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti tad-Direttiva 2014/59 li l-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali naqset milli tittrasponi fis-sistema fir-rigward tar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, rekwiżiti li jirrigwardaw l-elementi indikati fil-punti (a) sa (d) tal-ewwel domanda preliminari. Tali rekwiżiti huma dawk li jirrigwardaw: it-twettiq ta' evalwazzjoni ġusta, prudenti u realistika tal-attiv u tal-passiv tal-istituzzjoni suġġetta għall-azzjoni ta' riżoluzzjoni li ssir qabel l-adozzjoni tal-imsemmija azzjoni (punt (a)); il-ħlas tal-eventwali korrispettiv, skont tali evalwazzjoni, lill-istituzzjoni suġġetta għar-riżoluzzjoni jew, jekk ikun il-każ, lill-azzjonisti jew lill-proprjetarji ta' titoli ta' proprjetà oħra (punt (b)); il-previżjoni espliċita tal-prinċipju "*no creditor worse off*" għall-azzjonisti tal-istituzzjoni suġġetta għall-azzjoni ta' riżoluzzjoni (punt (c)); u t-twettiq ta' evalwazzjoni, indipendenti minn dik imsemmija fil-punt (a), intiża li tiddetermina jekk l-azzjonisti u l-krediturі kinux jirċievu trattament iktar favorevoli kieku l-istituzzjoni suġġetta għar-riżoluzzjoni kienet tkun suġġetta għal proċedura normali ta' insolvenza (punt (d)).

54. Bil-għan li tingħata risposta għal din id-domanda preliminari jeħtieġ, qabel xejn, li tiġi ċċarata l-portata tal-obbligu ta' astensjoni, irrikonoxxut mill-ġurisprudenza li toħroġ mill-istess sentenza Inter-Environnement Wallonie, imsemmija mill-qorti tar-rinviju.

1. Fuq il-portata tal-obbligu ta' astensjoni li għandhom l-Istati Membri skont il-ġurisprudenza Inter-Environnement Wallonie

55. F'dan ir-rigward, kif diġà semmejt fil-punt 34 iktar 'il fuq, mill-Artikolu 4(3) TUE u mit-tielet paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE jirriżulta li, matul it-terminu ta' traspożizzjoni ta' direttiva, l-Istati Membri destinatarji tal-imsemmija direttiva għandhom jastjenu milli jadottaw dispożizzjonijiet li jistgħu jikkompromettu serjament it-twettiq tar-riżultat li għandu jintlaħaq mid-direttiva stess.

56. Mill-ġurisprudenza jirriżulta li dan l-obbligu ta' astensjoni għandu jinftiehem bħala li jirreferi għall-adozzjoni ta' kull miżura, ġenerali u speċifika, li tista' tipproduċi tali effett kompromettenti [21]. F'dan ir-rigward ma huwiex importanti jekk il-miżuri inkwistjoni tad-dritt nazzjonali, adottati wara d-dħul fis-seħħ tad-direttiva kkonċernata, jipprovdux jew le għat-traspożizzjoni tad-direttiva inkwistjoni [22].

[21] Ara s-sentenzi tas-26 ta' Mejju 2011, Stichting Natuur en Milieu *et* (C-165/09 sa C-167/09, EU:C:2011:348, punt 78) kif ukoll tal-11 ta' Settembru 2012, Nomarchiaki Aftodioikisi Aitoloakarnanias *et* (C-43/10, EU:C:2012:560, punt 57).

[22] Ara s-sentenzi tal-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et*, C-212/04, EU:C:2006:443, punt 121), tat-22 ta' Novembru 2005, Mangold (C-144/04, EU:C:2005:709, punt 68) u tas-27 ta' Ottubru 2016, Milev (C-439/16 PPU, EU:C:2016:818, punt 31).

57. Il-Qorti tal-Ġustizzja kellha wkoll l-opportunità tippreċiża li l-imsemmi obbligu ta' astensjoni huma marbuta bih l-awtoritajiet kollha tal-Istati Membri kkonċernati, inklużi l-qrati nazzjonali. Minn dan isegwi li, mid-data li fiha direttiva tkun daħlet fis-seħħ, il-qrati tal-Istati Membri għandhom jastjenu safejn huwa possibbli milli jinterpretaw id-dritt intern b'mod li jirriskja li jikkomprommetti serjament, wara l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni, it-twettiq tar-riżultat li għandu jintlaħaq minn tali direttiva [23].

58. Bħala prinċipju, huwa l-obbligu tal-qorti nazzjonali li tevalwa jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali li tagħhom hija mitluba teżamina l-leġittimità jistgħux jikkompromettu serjament ir-riżultat li għandu jintlaħaq mid-direttiva stess [24].

59. Madankollu, jekk mill-proċess jirriżultaw l-elementi kollha li jippermettu li ssir tali evalwazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tipproċedi hija stess biex tistabbilixxi jekk il-leġiżlazzjoni jew il-miżura nazzjonali li hija s-suġġett tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari li sarilha f'każ speċifiku minn qorti tar-rinviju hijiex jew le tali li tikkompromett serjament ir-riżultat li għandu jintlaħaq mid-direttiva inkwistjoni f'dan il-każ.

60. Hekk, pereżempju, fis-sentenza ATRAL (C-14/02, EU:C:2003:265), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li miżura nazzjonali, adottata matul it-terminu ta' traspożizzjoni tad-direttiva rilevanti f'dik il-kawża, li kienet tissuġġetta tagħmir immarkat bil-marka "CE" għal proċedura ta' approvazzjoni minn qabel, kienet tali li tikkompromett r-riżultat li għandu jintlaħaq mill-imsemmija direttiva [25].

61. Fis-sentenza Stichting Natuur en Milieu *et* (C-165/09 sa C-167/09, EU:C:2011:348), il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, min-naħa l-oħra, li s-sempliċi miżura speċifika li tikkonsisti fid-deċiżjoni li jinħareġ permess ambjentali għall-bini u għat-tħaddim ta' installazzjoni industrijali, ma setgħetx, fiha nnifisha, tikkompromett serjament ir-riżultat li għandu jintlaħaq mid-direttiva inkwistjoni f'dik il-kawża [26].

62. Fl-istess sens, fis-sentenza Ministero delle Politiche Agricole, Alimentari e Forestali (C-104/14, EU:C:2015:125), il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li att leġiżlattiv adottat matul it-terminu ta' traspożizzjoni tad-direttiva inkwistjoni f'dik il-kawża, li kien jibdel, bi żvantaġġ għall-kreditur tal-Istat, l-interessi fuq kreditu li jirriżulta mill-eżekuzzjoni ta' kuntratt konklużqabel ċerta data ma setax, fid-dawl tal-kontenut tal-istess direttiva, jitqies bħala li jista' jkun ta' natura li jikkompromett serjament it-twettiq tar-riżultat li għandu jintlaħaq minn din id-direttiva [27].

[23] Sentenzi tal-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et* (C-212/04, EU:C:2006:443, punt 123) u tat-23 ta' April 2009, VTB-VAB u Galatea (C-261/07 u C-299/07, EU:C:2009:244, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[24] Sentenza Inter-Environnement Wallonie, punt 46 u sentenza Stichting Natuur en Milieu *et* (C-165/09 – C-167/09, EU:C:2011:348, punt 80), kif ukoll, fl-istess sens dwar perijodu tranżitorju, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2005, Stichting Zuid-Hollandse Milieufederatie (C-316/04, EU:C:2005:678, punti 42 u 43).

[25] Ara l-punti 56 sa 59 ta' din is-sentenza. Għal eżempju ta' każ ieħor fejn leġiżlazzjoni nazzjonali tqieset ta' natura li tikkompromett serjament ir-riżultat li għandu jintlaħaq mid-direttiva inkwistjoni f'dan il-każ, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża VYSOČINA WIND (C-181/20, EU:C:2021:619, b'mod partikolari, punt 99) fejn din ikkonkludiet li l-leġiżlazzjoni Ċeka inkwistjoni f'dik il-kawża hija tali li tikkompromett serjament l-għan tal-imsemmija direttiva.

[26] Ara l-punt 83 ta' dik is-sentenza.

[27] Ara l-punt 32 ta' din is-sentenza. Għal każ ieħor fejn il-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet li leġiżlazzjoni adottata matul it-terminu ta' traspożizzjoni tad-direttiva inkwistjoni f'tali kawża, setgħet tikkompromett serjament ir-riżultat li għandu jintlaħaq minn tali direttiva, ara s-sentenza tat-13 ta' Marzu 2014, Jetair u BTW-eenheid BTWE Travel4you (C-599/12, EU:C:2014:144, punt 37).

63. Barra minn hekk, fis-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2016, Milev (C-439/16 PPU, EU:C:2016:818), il-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet li, fil-każ ineżami, opinjoni mogħtija mill-Qorti tal-Kassazzjoni Bulgara matul il-perijodu għat-traspożizzjoni tad-direttiva inkwistjoni f'dik il-kawża setgħet tikkostitwixxi miżura ta' interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali li kienet tirriskja li tikkomprometti serjament it-twettiq tal-għan li għandu jintlaħaq minn tali direttiva [28].

64. Fil-ġurisprudenza tagħha, barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet indikazzjonijiet dwar l-elementi u l-parametri li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni li għandha ssir biex jiġi stabbilit jekk leġiżlazzjoni jew miżura nazzjonali tistax titqies ta' natura tali li tikkomprometti serjament ir-riżultat li għandu jintlaħaq minn direttiva partikolari.

65. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li tali evalwazzjoni għandha neċessarjament issir abbażi ta' evalwazzjoni globali, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-politiki u l-miżuri kollha adottati fit-territorju nazzjonali kkonċernat, b'mod li sempliċi miżura speċifika tista', fiha nnifisha, ma tkunx tali li tikkomprometti serjament ir-riżultat li għandu jintlaħaq mid-direttiva [29].

66. Barra minn hekk, f'din l-evalwazzjoni jeħtieġ li jiġi aċċertat, b'mod partikolari, jekk id-dispożizzjonijiet inkwistjoni jippreżentawx ruħhom bħala traspożizzjoni sħiħa tad-direttiva inkwistjoni u jiġu eżaminati l-effetti konkreti tal-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet mhux konformi mad-direttiva u tat-tul fiż-żmien tagħhom [30].

67. Bil-maqlub, huwa possibbli wkoll li jittieħed kont tal-possibbiltà ta' Stat Membru li jadotta dispożizzjonijiet provviżorji jew li jimplimenta d-direttiva f'fażijiet differenti. F'dak il-każ, in-nuqqas ta' konformità ta' dispożizzjonijiet tranżitorji tad-dritt nazzjonali mad-direttiva msemmija jew in-nuqqas ta' traspożizzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' din tal-aħħar ma jikkompromettix neċessarjament ir-riżultat li għandu jintlaħaq minnha [31].

2. Fuq il-fatt li r-riżultat li għandu jintlaħaq mid-Direttiva 2014/59 ikun kompromess serjament

68. Huwa abbażi tat-tagħlim li jirriżulta mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punti preċedenti li jeħtieġ li jiġi vverifikat – biex tingħata risposta għat-tieni domanda preliminari – jekk l-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali, minħabba n-nuqqas ta' traspożizzjoni tal-imsemmija rekwiżiti speċifiċi previsti fid-Direttiva 2014/59, imsemmija mill-qorti tar-rinviju fil-punti (a) sa (d) tal-ewwel domanda preliminari tagħha, tistax tikkomprometti serjament it-twettiq tar-riżultat li għandu jintlaħaq minn tali direttiva.

69. F'dan ir-rigward jeħtieġ, fl-ewwel lok, li jiġi identifikat x'inhu r-"riżultat li għandu jintlaħaq" mid-Direttiva 2014/59, li t-twettiq tiegħu jista' jkun kompromess serjament mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni.

70. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, kif ġie osservat wara kollox mid-diversi partijiet li ppreżentaw osservazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tal-premessi u tat-test tad-Direttiva 2014/59, jirriżulta li din għandha pluralità ta' għanijiet, uħud minnhom ta' natura ġenerali, oħrajn ta' natura iktar speċifika.

[28] Ara l-punti 28 sa 36, kif ukoll id-dispożittiv ta' din is-sentenza.

[29] Ara s-sentenza tas-26 ta' Mejju 2011, Stichting Natuur en Milieu *et* (C-165/09 sa C-167/09, EU:C:2011:348, punti 81 sa 83).

[30] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Inter-Environnement Wallonie, punt 47.

[31] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Inter-Environnement Wallonie, punt 49.

71. Għaldaqstant, għal dak li jirrigwarda l-għanijiet ta' natura ġenerali, mill-qari tal-premessa 1 ta' din id-direttiva jirriżulta li din hija intiża li tintroduċi strumenti neċessarji "sabiex jipprevjenu l-insolvenza" tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tal-impriżi ta' investiment "jew biex meta sseħħ insolvenza jimminimizzaw ir-riperkussjonijiet negattivi billi jippreżervaw il-funzjonijiet sistemikament importanti tal-istituzzjoni konċernata".

72. L-applikazzjoni ta' tali strumenti, u tas-setgħat konnessi relatati, min-naħa tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-"għanijiet tar-riżoluzzjoni" li huma elenkati speċifikament fl-Artikolu 31(2) tad-Direttiva 2014/59 u li huma, bħala prinċipju, ta' importanza ugwali [32]. Tali għanijiet huma dawk li tiġi ggarantita l-kontinwità tal-funzjonijiet essenzjali [33], li jiġu evitati effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja [34], li jiġu ssalvagwardjati l-fondi pubbliċi [35], li jiġu protetti d-depożitanti u l-investituri [36] u li jiġu protetti l-fondi u l-assi tal-klijenti [37].

73. Id-Direttiva 2014/59 tintroduċi mbagħad sensiela ta' dispożizzjonijiet li, fil-qafas tal-imsemmija għanijiet ta' natura ġenerali, għandhom għanijiet speċifiċi. B'mod partikolari, xi whud mid-dispożizzjonijiet tad-direttiva huma intiżi li jiggarantixxu li l-istrumenti u s-setgħat ta' riżoluzzjoni jiġu eżerċitati b'mod kompatibbli mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta u b'mod partikolari mad-dritt għall-proprjetà ggarantit mill-Artikolu 17 tal-istess.

74. Fil-fatt, kif ġie rrilevat fil-premessa 13 tad-Direttiva 2014/59, l-applikazzjoni tal-istrumenti u l-eżerċizzju tas-setgħat ta' riżoluzzjoni previsti f'din id-direttiva jistgħu jfixklu d-drittijiet tal-azzjonisti u tal-krediturі [38]. F'dan ir-rigward, il-premessa 50 tal-istess direttiva tirrileva li tali interferenza fid-drittijiet għall-proprjetà ma għandhiex tkun eċċessiva.

75. Fost id-dispożizzjonijiet li għandhom tali għan speċifiku hemm dawk imsemmija mill-qorti tar-rinviju fid-domandi preliminari tagħha jiġifieri, dik imsemmija fl-Artikolu 36, li tipprevedi li ssir evalwazzjoni ġusta, prudenti u realistika għall-finijiet tar-riżoluzzjoni qabel ma tinbeda l-azzjoni ta' riżoluzzjoni u dawk imsemmija fl-Artikolu 73(a) u 74 rispettivament li, min-naħa, jiżguraw it-trattament skont il-prinċipju "*no creditor worse off*" tal-azzjonisti u tal-krediturі b'mod partikolari, f'każ ta' trasferiment parzjali tad-drittijiet, tal-attiv u tal-passiv tal-istituzzjoni suġġetta għar-riżoluzzjoni u, min-naħa l-oħra, jipprevedu li ssir evalwazzjoni *ex post* għall-finijiet tal-evalwazzjoni tad-differenza fit-trattament tal-azzjonisti u tal-krediturі f'każ li l-istituzzjoni suġġetta għal riżoluzzjoni kienet tkun suġġetta għal proċedura ordinarja ta' insolvenza.

76. Tali artikoli għandhom bħala għan speċifiku dak li jiggarantixxu li l-istrumenti u s-setgħat ta' riżoluzzjoni previsti mid-Direttiva 2014/59 jiġu applikati filwaqt li jkunu rrispettati d-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta u b'mod partikolari d-drittijiet għall-proprjetà tal-azzjonisti u

[32] Ara l-Artikolu 31(3) tad-Direttiva 2014/59.

[33] F'dan ir-rigward, ara wkoll il-premessi 5, 13, 45, 70, 72 u 90 tad-Direttiva 2014/59.

[34] F'dan ir-rigward, ara wkoll il-premessi 3, 4, 11, 13, 14, 18, 24, 29, 40, 41, 45, 49, 63, 64, 67, 72, 83, 91, 92, 97, 99, 102, 108 u 132 tad-Direttiva 2014/59.

[35] F'dan ir-rigward, ara wkoll il-premessi 16, 45 u 109 tad-Direttiva 2014/59.

[36] F'dan ir-rigward, ara wkoll il-premessi 45, 55, 71, 102, 110, 112, 117 tad-Direttiva 2014/59.

[37] F'dan ir-rigward, ara wkoll il-premessi 45 u 65 tad-Direttiva 2014/59.

[38] Kif jirriżulta espliċitament minn tali premessa, b'mod partikolari, is-setgħa tal-awtoritajiet li jittrasferixxu, totalment jew parzjalment, l-ishma u l-attiv ta' istituzzjoni lil xerrej privat mingħajr il-kunsens tal-azzjonisti jaffettwa d-drittijiet għall-proprjetà tal-azzjonisti. Barra minn hekk, is-setgħa li jiġi stabbilit liema passiv jiġi ttrasferit minn istituzzjoni f'falliment abbażi tal-għanijiet li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi u jiġu evitati effetti negattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja tista' tinfluwenza l-ugwaljanza fit-trattament tal-krediturі.

tal-krediturі tal-istituzzjoni suġġetta għar-riżoluzzjoni, obbligu li f'kull każ, kif ġustament ġie rrilevat mill-Kummissjoni, huma marbuta bih l-Istati Membri diġà bis-saħħa tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.

77. Jidhirli għaldaqstant li huwa fid-dawl ta' dawn l-għanijiet, ta' natura ġenerali u speċifika, imfittxija mid-Direttiva 2014/59 li jeħtieġ li jiġi evalwat jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tistax tikkompromettі serjament it-twettiq tar-"riżultat li għandu jintlaħaq" minn din id-direttiva, bil-preċiżazzjoni li l-kwistjoni speċifika dwar il-protezzjoni tad-dritt għall-proprjetà stabbilit fl-Artikolu 17 tal-Karta hija diskussa speċifikament *infra* fil-kuntest tal-analiżi tal-ewwel parti tal-ewwel domanda preliminari.

78. Minn din il-perspettiva jeħtieġ, fit-tieni lok, jiġi vverifikat jekk l-assenza tar-rekwiżiti speċifiċi indikati minn tali qorti fil-punti (a) sa (d) tal-ewwel domanda preliminari twassalx biex il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tistax tikkompromettі serjament it-twettiq tar-"riżultat li għandu jintlaħaq" minn din id-direttiva.

79. F'dan ir-rigward, u bħala osservazzjoni ta' natura ġenerali, nirrileva li mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta espliċitament li l-emendi li saru matul il-perijodu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/59 mid-Digriet-Liġi Nru 114-A/2014 tal-1 ta' Awwissu 2014 għal-leġiżlazzjoni introdotta fil-Portugall fil-qasam tal-irkupru u ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-2012 – leġiżlazzjoni li, kif rajna, kienet teżisti qabel l-adozzjoni tad-Direttiva 2014/59 – implimentaw xi wħud, anki jekk mhux kollha, mid-dispożizzjonijiet previsti minn din id-direttiva, u approssimaw għaldaqstant il-leġiżlazzjoni nazzjonali mas-sistema regolatorja prevista mill-imsemmija direttiva.

80. Diġà taħt din il-konstatazzjoni biss, u anki fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija fil-punti 60 sa 67, huwa diffiċli, fil-fehma tiegħi, li tkun plawżibbli konklużjoni fis-sens li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tista' "tikkompromettі serjament ir-riżultat li għandu jintlaħaq" minn tali direttiva. Fil-fatt, kif irrileva l-Gvern Portugiż, it-traspożizzjoni ta' wħud mid-dispożizzjonijiet ta' direttiva – safejn ma jkunx ikkontestat li tali traspożizzjoni seħħet b'mod korrett – iktar milli hija tali li tikkompromettі serjament it-twettiq tar-riżultat li għandu jintlaħaq mill-imsemmija direttiva, hija intiża għat-twettiq tal-għanijiet tal-istess direttiva.

81. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza msemmija fil-punti 55 sa 57 iktar 'il fuq, l-obbligu li għandhom l-Istati Membri sakemm jiskadi t-terminu ta' traspożizzjoni ta' direttiva huwa obbligu ta' astensjoni, u għaldaqstant obbligu negattiv li ma jadottawx miżuri tali li jikkompromettu r-riżultat li għandu jintlaħaq mid-direttiva. Tali obbligu, fil-fehma tiegħi, diffiċli jingħad li nkiser bl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni li tittrasponi b'mod korrett, anki jekk parzjalment, id-direttiva stess.

82. Għalkemm tali kunsiderazzjonijiet jistgħu diġà minnhom innifishom iwasslu għal risposta negattiva għat-tieni domanda preliminari, jixraq madankollu li jiġu analizzati fid-dettall ir-rekwiżiti indikati mill-qorti tar-rinviju li l-assenza tagħhom, fil-fehma tagħha, tista' tkun suxxettibbli li tikkompromettі serjament it-twettiq tar-riżultat li għandu jintlaħaq mid-Direttiva 2014/59.

3. Fuq ir-rekwiżiti li l-assenza tagħhom tista' tikkomprometti serjament it-twettiq tar-riżultat li għandu jintlaħaq mid-Direttiva 2014/59

83. Il-qorti tar-rinviju tenfasizza qabelxejn, fil-punt (a) tal-ewwel domanda preliminari tagħha, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni applikabbli fil-mument tar-riżoluzzjoni tal-BES "ma [kinitx tipprevedi] t-twettiq ta' evalwazzjoni ġusta, prudenti u realistika tal-attiv u tal-passiv tal-istituzzjoni li hija s-suġġett tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni fil-mument qabel l-adozzjoni ta' din l-azzjoni".

84. F'dan ir-rigward, madankollu, nirrileva li, kif ġustament osservat il-Kummissjoni, l-Artikolu 145-H(4) tas-SĠIKKF kien jipprovdi diġà fil-verżjoni tiegħu tal-2012 li l-attiv, il-passiv, l-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali u l-elementi taħt amministrazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata jkunu s-suġġett ta' evalwazzjoni, imwettqa fil-mument tat-trasferiment, li ssir, bi spejjeż tal-istituzzjoni, minn entità indipendenti nnominat mill-Banco de Portugal f'terminu ffissat minnu. L-emenda ta' din id-dispożizzjoni fl-2014 wasslet biex tali evalwazzjoni jkollha tinkludi wkoll stima tal-livell ta' rkupru tal-krediti ta' kull klassi ta' krediturі skont l-ordni ta' prijorità stabbilita mil-liġi f'każ ta' stralċ tal-istituzzjoni ta' kreditu oriġinali f'mument immedjatament qabel dak tal-applikazzjoni tal-miżura ta' riżoluzzjoni.

85. Anki jekk, b'kuntrast ma' dak stabbilit fl-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2014/59, tali dispożizzjoni ma ssemmix li l-evalwazzjoni trid tkun "ġusta, prudenti u realistika", il-formulazzjoni u l-kuntest li fiha tinsab id-dispożizzjoni jidhru li – salv li l-qorti tar-rinviju tikkonferma dan – jirreferu għall-użu ta' parametri kontabbli li jinkorporaw tali kriterji li l-entità indipendenti nnominata għandha dejjem tuża meta tagħmel tali evalwazzjoni.

86. F'dan il-kuntest, jidhirli li l-fatt imsemmi mill-qorti tar-rinviju fil-punt (a) tal-ewwel domanda preliminari ma jippermettix li jitqies li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tista' tikkomprometti serjament it-twettiq tar-"riżultat li għandu jintlaħaq" mid-Direttiva 2014/59.

87. Il-qorti tar-rinviju tosserva wkoll, fil-punt (b) tal-ewwel domanda preliminari tagħha, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni applikabbli fil-mument tar-riżoluzzjoni tal-BES "ma [kinitx tipprevedi] l-ħlas ta' korrispettiv eventwali, skont l-evalwazzjoni msemmija fil-punt preċedenti, lill-istituzzjoni li hija s-suġġett ta' riżoluzzjoni jew, skont il-każ, lill-proprjetarji tal-azzjonijiet jew ta' strumenti oħra ta' proprjetà u, minflok, [kienet] tillimita lilha nnifisha tipprovdi li l-ammont residwu eventwali tal-prodott ta' trasferiment tal-bank tranżitorju [kellu] jingħata lura lill-istituzzjoni ta' kreditu oriġinali jew lill-massa fallimentari tagħha".

88. F'dan ir-rigward jeħtieġ li jiġi rrilevat li, anki fil-verżjoni oriġinali tal-2012, il-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 145-I tas-SĠIKKF kienu jipprovdu li l-eventwali residwu tad-dħul mill-bejgħ tal-patrimonju tal-istituzzjoni tranżitorja, wara l-ħlas lura tal-ammonti mislufa mill-Fond ta' riżoluzzjoni u mill-fondi l-oħra ta' garanzija, kien intiż għall-istituzzjoni ta' kreditu oriġinali jew għall-massa fallimentari tagħha f'każ li din tkun tinsab fi stralċ.

89. Il-previżjoni ta' tali regola kienet tippermetti, bil-għan li tiġi ggarantita n-"newtralità ekonomika" tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni, li l-istituzzjoni ta' kreditu oriġinali (jew il-massa fallimentari tagħha) ma jiġux imċaħħda mill-ammont li jirriżulta mill-bejgħ tal-patrimonju tal-istituzzjoni tranżitorja wara l-ħlas lura tal-ammonti mħallsa mid-diversi fondi b'titolu ta' self. Din ir-regola kienet għaldaqstant intiża li tipproteġi lill-azzjonisti u lill-krediturі tal-istituzzjoni oriġinali.

90. Barra minn hekk, kif irrilevat il-Kummissjoni, l-ammont li jirriżulta minn tali bejgħ huwa ċertament influwenzat pożittivament mid-diversi miżuri meħuda fil-qafas tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni għall-ħolqien tal-istituzzjoni tranżitorja, fosthom is-separazzjoni mill-istituzzjoni tranżitorja tal-"attiv tossiku", li jibqa' fl-istituzzjoni suġġetta għar-riżoluzzjoni, il-miżuri ta' rkupru l-oħra, il-miżuri ta' sostenn min-naħa ta' diversi fondi, kif ukoll il-fatt li l-bejgħ tal-istituzzjoni tranżitorja jista' jseħħ b'mod organizzat. Dawn l-elementi kollha huma intiżi, fl-interess tal-azzjonisti u tal-krediturі tal-istituzzjoni oriġinali, li jkabbru l-valur tal-ammont tal-eventwali residwu tad-dħul mill-bejgħ tal-istituzzjoni tranżitorja.

91. F'dan il-kuntest, inqis li, salv għall-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 131 *et seq*. ta' dawn il-konklużjonijiet fir-rigward tal-Artikolu 17 tal-Karta, għalkemm il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma tikkorrispondix eżattament għal dik prevista mid-Direttiva 2014/59, li kif irrilevat il-qorti tar-rinviju tipprevedi l-ħlas ta' "korrispettiv eventwali"[39], madankollu ma jista' bl-ebda mod jiġi konkluż li tali leġiżlazzjoni setgħet tikkompromettі serjament it-twettiq tar-"riżultat li għandu jintlaħaq" mill-imsemmija Direttiva 2014/59.

92. Il-qorti tar-rinviju tirrileva wkoll, fil-punt (c) tal-ewwel domanda preliminari tagħha, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni applikabbli għall-mument tar-riżoluzzjoni tal-BES, "ma [kinitx tipprevedi] li l-azzjonisti tal-istituzzjoni li hija s-suġġett tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni għandhom id-dritt jirċievu valur mhux inferjuri minn dak stmat li [kienu] jirċievu li kieku l-istituzzjoni kellha titqiegħed totalment fi stralċ skont il-proċeduri normali ta' falliment, iżda tipprevedi tali mekkaniżmu ta' salvagwardja biss għall-krediturі li l-krediti tagħhom ma [kinux] ġew ittrasferiti".

93. Fi kliem ieħor il-qorti tar-rinviju tenfasizza l-fatt li fil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma kienx espressament previst espliċitament il-prinċipju "*no creditor worse off*" favur l-azzjonisti.

94. Madankollu, fil-fehma tiegħi, dan in-nuqqas ma huwiex minnu nnifsu tali li jikkompromettі serjament ir-riżultat li għandu jintlaħaq mid-Direttiva 2014/59 fis-sens tal-ġurisprudenza li toħroġ mis-sentenza Inter-Environnement Wallonie u dan, b'mod partikolari, f'sitwazzjoni fejn, kif irrilevat il-Kummissjoni, l-ordinament ġuridiku Portugiż kien jieħu inkunsiderazzjoni l-pożizzjoni u l-interessi tal-azzjonisti tal-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernat u tal-interessi tagħhom fil-qafas tal-proċeduri ta' riżoluzzjoni implimentati skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni.

95. F'dan ir-rigward, jeħtieġ fil-fatt, fl-ewwel lok, li jiġi rrilevat li l-Artikolu 145-B(1)(a), fil-verżjoni emendata mid-Digriet-Liġi Nru 114-A/2014 kien jipprevedi li fl-applikazzjoni tal-miżuri ta' riżoluzzjoni "l-azzjonisti tal-istituzzjoni suġġetta għar-riżoluzzjoni għandhom ibatu b'mod prijoritarju t-telf". Tali dispożizzjoni kienet tesprimi għaldaqstant il-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 34(1)(a) tad-Direttiva 2014/59, li jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-kumpanniji u tal-falliment.

96. Fit-tieni lok, il-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-irkupru u tar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kien fiha, kif jirriżulta mill-punti 88 sa 90 ta' dawn il-konklużjonijiet, dispożizzjonijiet li jiggarantixxu l-interessi tal-azzjonisti, fosthom l-Artikolu 145-I(4) tas-SĠIKKF.

[39] Ara, b'mod partikolari l-Artikoli 36(4)(e) u 40(4) tad-Direttiva 2014/59. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li n-natura ta' tali korrispettiv hija kkontestata bejn il-partijiet. Filwaqt li Massa insolvente u BPC Lux 2 *et* isostnu li tali korrispettiv huwa ta' natura kumpensatorja, skont Banco de Portugal u l-Gvern Portugiż dan il-korrispettiv huwa intiż biss li jiżgura n-newtralità tal-miżura ta' riżoluzzjoni għall-istituzzjoni tranżitorja u għall-mekkaniżmu ta' finanzjament tar-riżoluzzjoni f'każ li jirriżulta li l-valur tal-patrimonju ttrasferit ikun ogħla mill-evalwazzjoni magħmula inizjalment u li abbażi tagħha ġew stabbiliti l-bżonnijiet f'termini ta' kapital tal-istituzzjoni tranżitorja.

97. Fit-tielet lok, kif spjega Banco de Portugal, il-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet tippermetti, f'kull każ, lill-azzjonisti li jressqu azzjoni għad-danni fil-konfront tal-Istat f'każ li huma jirnexxilhom jipprovaw li l-miżura ta' riżoluzzjoni kienet poġġiethom f'sitwazzjoni inqas favorevoli minn dik li fiha kienu jkunu f'każ ta' stralċ.

98. F'dan il-kuntest, lanqas il-fatt indikat mill-qorti tar-rinviju fil-punt (c) tal-ewwel domanda preliminari tagħha ma jippermetti, fil-fehma tiegħi, li jitqies li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni setgħet "tikkomprometti serjament ir-riżultat li għandu jintlaħaq" mid-Direttiva 2014/59.

99. Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tirrimarka, fil-punt (d) tal-ewwel domanda preliminari tagħha, li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni applikabbli fil-mument tar-riżoluzzjoni tal-BES, "ma [kinitx tipprevedi] evalwazzjoni indipendenti mill-evalwazzjoni msemmija fil-punt a), intiża sabiex tevalwa jekk l-azzjonisti u l-krediturikienu jirċievu trattament inqas favorevoli li kieku l-istituzzjoni suġġett ta' riżoluzzjoni kellha tidħol fi proċedura normal ta' falliment".

100. F'dan ir-rigward jeħtieġ madankollu li jiġi osservat, kif diġà ġie rrilevat fil-punt 84 ta' dawn il-konklużjonijiet, li l-Artikolu 145-H(4) tas-SĠIKKF, kif emendat fl-2014, kien jipprevedi li l-evalwazzjoni indipendenti li għandha ssir mill-entità indipendenti nnominata mill-Banco de Portugal kellha tinkludi ukoll stima, imwettqa fil-mument tat-trasferiment, tal-livell ta' rkupru tal-krediti ta' kull waħda mill-klassijiet ta' krediturikont l-ordni ta' prijorità stabbilita mil-liġi f'każ ta' stralċ tal-istituzzjoni ta' kreditu oriġinali f'mument immedjatament qabel dak meta tiġi applikata l-miżura ta' riżoluzzjoni f'mument immedjatament qabel dak tal-applikazzjoni tal-miżura ta' riżoluzzjoni. Tali stima kellha ssir filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-prinċipju "*no creditor worse off*", espress fl-Artikolu 145-B(1)(c) tas-SĠIKKF (esklużivament) favur il-krediturikif irrilevat il-Kummissjoni, tali evalwazzjoni kienet tikkorrispondi fil-parti l-kbira tagħha għall-evalwazzjoni prevista mill-Artikolu 74 tad-Direttiva 2014/59.

101. B'differenza mill-Artikolu 74 tad-Direttiva 2014/59, id-dispożizzjoni nazzjonali ma tipprovdix li ż-żewġ evalwazzjonijiet (dik imsemmija fil-punt (a) u dik imsemmija fil-punt (d) tal-ewwel domanda preliminari, li jikkorrispondu rispettivament għal dawk imsemmija fl-Artikoli 36 u 74 tad-Direttiva 2014/59) kellhom ikunu distinti. Madankollu l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma kinitx tipprekludi li huma jitwettqu b'mod differenti, ħaġa li tidher li seħħet f'dan il-każ fejn saru żewġ evalwazzjonijiet minn żewġ uffiċċji ta' verifika differenti.

102. F'dan il-kuntest, lanqas il-fatt imsemmi mill-qorti tar-rinviju fil-punt (d) tal-ewwel domanda preliminari tiegħu ma jippermetti, fil-fehma tiegħi, li jitqies li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni setgħet tikkomprometti serjament it-twettiq tar-"riżultat li għandu jintlaħaq" mid-Direttiva 2014/59.

103. Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li, fil-fehma tiegħi, leġiżlazzjoni bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali applikata għar-riżoluzzjoni tal-BES ma hijiex tali li tikkomprometti serjament it-twettiq tar-riżultat li għandu jintlaħaq mid-Direttiva 2014/59.

C. Fuq l-ewwel parti tal-ewwel domanda preliminari, dwar l-Artikolu 17 tal-Karta

104. Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk l-Artikolu 17 tal-Karta għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, bħalma hija dik li tinsab fis-SĠIKKF fil-verżjoni tagħha applikata għar-riżoluzzjoni tal-BES, li ma

tipprevedix it-twettiq ta' evalwazzjoni ġusta, prudenti u realistika tal-attiv u passiv tal-istituzzjoni suġġetta għall-azzjoni ta' riżoluzzjoni qabel l-adozzjoni tagħha (punt (a)); ma tipprevedix il-ħlas tal-eventwali korrispettiv, skont tali evalwazzjoni, lill-istituzzjoni suġġetta għar-riżoluzzjoni jew, jekk ikun il-każ, lill-azzjonisti jew lill-proprjetarji ta' titoli ta' proprjetà oħra (punt (b)); ma tipprevedix espliċitament il-prinċipju "*no creditor worse off*" għall-azzjonisti tal-istituzzjoni suġġetta għall-azzjoni ta' riżoluzzjoni (punt (c)); u ma tipprevedix it-twettiq ta' evalwazzjoni, indipendenti minn dik imsemmija fil-punt (a), intiża li tistabbilixxi jekk l-azzjonisti u l-krediturikinux jirċievu trattament iktar favorevoli kieku l-istituzzjoni suġġetta għar-riżoluzzjoni kellha tkun suġġetta għal proċedura normali ta' insolvenza (punt (d)).

105. Biex tingħata risposta għad-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju jeħtieġ għaldaqstant li jiġi eżaminat jekk l-Artikolu 17 tal-Karta, b'mod partikolari l-paragrafu 1 tiegħu, jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali li tinsab fis-SĠIKKF fil-verżjoni tagħha applikata għar-riżoluzzjoni tal-BES. Sabiex tiġi ddeterminata l-portata tad-dritt fundamentali għar-rispett tal-proprjetà, jeħtieġ li jittieħed inkunsiderazzjoni, fid-dawl tal-Artikolu 52(3) tal-Karta, l-Artikolu 1 tal-Protokoll Addizzjonali Nru 1 għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB), iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, li tistabbilixxi dan id-dritt [40].

106. Skont l-Artikolu 17(1) tal-Karta, kull persuna għandha d-dritt li tgawdi mill-proprjetà tal-beni tagħha li tkun akkwistat legalment, li tużahom, li tiddisponi minnhom u li tħallihom bħala wirt, u l-ebda persuna ma tista' tiġi mċaħħda mill-proprjetà tagħha, ħlief fl-interess pubbliku u fil-każijiet u skont il-kundizzjonijiet previsti mil-liġi, bi ħlas ta' kumpens xieraq fi żmien utli għal dak li tkun tilfet. L-użu tal-proprjetà jista' jiġi rregolat bil-liġi safejn ikun meħtieġ għall-interess ġenerali.

107. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li mill-ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li d-dritt għall-proprjetà ggarantit minn din id-dispożizzjoni tal-Karta ma huwiex prerogattiva assoluta u li l-eżerċizzju tiegħu jista' jkun suġġett għal restrizzjonijiet bil-kundizzjoni li tali restrizzjonijiet ikunu ġġustifikati minn għanijiet ta' interess ġenerali segwiti mill-Unjoni u ma jikkostitwixxux, fid-dawl tal-għan segwit, intervent sproporzjonat u intollerabbli li jippreġudika l-essenza stess tad-dritt hekk iggarantit [41].

108. Barra minn hekk, għandu jitfakkar ukoll li skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet irrikonoxxuti minnha, bħalma huwa d-dritt għall-proprjetà, tista' ssir bil-kundizzjoni li tali limitazzjonijiet ikunu previsti mil-liġi, jirrispettaw l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet u, filwaqt li josservaw il-prinċipju ta' proporzjonalità, ikunu meħtieġa u jirriflettu effettivament għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn [42].

109. Qabelxejn, jeħtieġ, fl-ewwel lok, li jiġi rrilevat li ma huwiex ikkontestat li miżuri bħalma huma dawk adottati fil-kuntest tal-kawża prinċipali, li jipprevedu, fil-qafas ta' proċedura ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu, it-trasferiment ta' elementi tal-patrimonju ta' istituzzjoni ta' kreditu lil istituzzjoni tranżitorja, jikkostitwixxu restrizzjonijiet tali li jippreġudikaw

[40] Sentenza tat-13 ta' Ġunju 2017, Florescu *et* (C-258/14, EU:C:2017:448, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll is-sentenza tal-21 ta' Mejju 2019, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Użufrutt ta' artijiet agrikoli) (C-235/17, EU:C:2019:432, punt 72).

[41] Ara s-sentenzi tal-20 ta' Settembru 2016, Ledra Advertising *et* vs Il-Kummissjoni u BĊE, C-8/15 P sa C-10/15 P, EU:C:2016:701, punti 69 u 70); tas-16 ta' Lulju 2020, Adusbef u Federconsumatori (C-686/18, EU:C:2020:567, punt 85); tal-14 ta' Jannar 2021, Okrazhna prokuratura – Haskovo u Apelativna prokuratura – Plovdiv (C-393/19, EU:C:2021:8, punt 53).

[42] Sentenzi tat-13 ta' Ġunju 2017, Florescu *et* (C-258/14, EU:C:2017:448, punt 53) u tas-16 ta' Lulju 2020, Adusbef u Federconsumatori (C-686/18, EU:C:2020:567, punt 86).

id-dritt għall-proprjetà, fis-sens tal-Artikolu 17 tal-Karta, tal-azzjonisti tal-istituzzjoni ta' kreditu, kif ukoll tal-krediturі ta' din l-istituzzjoni, fosthom il-proprjetarji tal-obbligazzjonijiet, li l-krediti tagħhom ma jiġux ittrasferiti lill-istituzzjoni tranżitorja.

110. F'dan ir-rigward, nirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-opportunità tiċċara li l-protezzjoni mogħtija minn din id-dispożizzjoni tirrigwarda drittijiet li għandhom valur patrimonjali li minnhom jirriżulta, fir-rigward tal-ordinament ġuridiku rilevanti, pożizzjoni legali miksuba li tippermetti eżerċizzju awtonomu ta' dawn id-drittijiet minn u favur id-detentur tagħhom [43]. Minn dan isegwi li l-protezzjoni msemmija fl-Artikolu 17(1) tal-Karta tapplika wkoll għad-drittijiet li għandhom valur patrimonjali li joriġinaw mid-detenzjoni ta' ishma jew ta' obbligazzjonijiet negozjabbli fuq is-swieq kapitali.

111. Mill-bqija, mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 1 tal-Protokoll Addizzjonali Nru 1 għall-KEDB, jirriżulta li għandhom jitqiesu bħala "beni" li jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni ggarantita mill-imsemmi Artikolu 1, kemm l-azzjonijiet [44], kif ukoll l-obbligazzjonijiet negozjabbli fuq is-swieq kapitali [45].

112. Fit-tieni lok, jidhirli li limitazzjonijiet ta' dan it-tip jirrispettaw, bħala prinċipju, l-essenza tad-dritt għall-proprjetà tal-azzjonisti u tal-proprjetarji ta' obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata mill-miżuri ta' riżoluzzjoni.

113. Fil-fatt, min-naħa, miżuri ta' riżoluzzjoni bħalma huma dawk imsemmija fil-punt 109 ma jwasslux, fil-fehma tiegħi, għal tiċħid tal-proprjetà fuq l-azzjonijiet jew fuq l-obbligazzjonijiet fis-sens strett, inkwantu ma jinvolvux trasferiment tal-proprjetà li jirriżulta minn disponiment formali tal-proprjetà [46]. Għaldaqstant, dawn ma jikkostitwixxux intervent li jippreġudika s-sustanza stess tad-dritt għall-proprjetà [47].

114. F'dan ir-rigward, inżid ukoll li huwa possibbli li f'ċerti każijiet il-miżuri ta' riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jwasslu għal sitwazzjonijiet ta' vera u proprja tiċħid tal-proprjetà [48] jew sitwazzjonijiet paragunabbli għal tali tiċħid [49]. Madankollu, it-tiċħid tal-proprjetà ma jikkostitwixxix minnu nnifsu ksur tad-drittijiet fundamentali, meta l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 17(1) tal-Karta, moqri flimkien mal-Artikolu 52(1) tal-istess, ikunu osservati [50].

[43] Ara s-sentenza tal-21 ta' Mejju 2019, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Użufrutt ta' artijiet agrikoli) (C-235/17, EU:C:2019:432, punt 69).

[44] Ara, b'mod partikolari, dwar b'mod speċifiku l-ishma f'istituzzjonijiet ta' kreditu li hija s-suġġett ta' deċiżjoni ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni, il-Qorti EDB, 19 ta' Novembru 2020, Project-trade d.o.o. vs Il-Kroazja, CE:ECHR:2020:1119JUD000192014, punt 75 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara wkoll, Qorti EDB, 11 ta' Diċembru 2018, Lekić vs Is-Slovenja, CE:ECHR:2018:1211JUD003648007, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[45] Qorti EDB, 21 ta' Lulju 2016, Mamatas *et* vs Il-Greċja, CE:ECHR:2016:0721JUD006306614, punt 90.

[46] F'dan ir-rigward, kif enfasizza l-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Użufrutt ta' artijiet agrikoli) (C-235/17, EU:C:2018:971, punt 156), mill-ġurisprudenza tal-Qorti EDB jirriżulta li tali tiċħid jeżisti f'każ ta' trasferiment tal-proprjetà li jirriżulta minn disponiment formali tal-proprjetà. Ara, f'dan is-sens, *inter alia*, Qorti EDB, 23 ta' Settembru 1982, Sporrong u Lönnroth vs L-Isvezja, CE:ECHR:1982:0923JUD000715175, punti 62 u 63.

[47] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Adusbef u Federconsumatori (C-686/18, EU:C:2020:567, punt 89).

[48] F'dan ir-rigward, ara pereżempju, is-sitwazzzjoni msemmija fil-punt 111 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawżi Aeris Invest vs SRB u Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs SRB (C-874/19 P u C-934/19 P, EU:C:2021:563).

[49] Dan jista' jseħħ meta, għalkemm teknikament l-azzjoni ma twassalx għal trasferiment (forzat) tal-proprjetà tal-ishma jew tal-krediti, il-valur ekonomiku tagħhom jiġi tant imnaqqas li tali azzjoni tikkorrispondi fis-sustanza għal tiċħid tal-proprjetà. Ara Qorti EDB, 7 ta' Novembru 2002, Olczak vs Il-Polonja, CE:ECHR:2002:1107DEC003041796, punt 71.

[50] Dwar l-interpretazzjoni konġunta ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet ara s-sentenza tal-21 ta' Mejju 2019, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Użufrutt ta' artijiet agrikoli) (C-235/17, EU:C:2019:432, punt 89). Fuq il-kundizzjonijiet li għandhom ikunu ssodisfatti minn leġiżlazzjoni kontenzjuża li tipprevedi t-tiċħid tal-proprjetà sakemm dan jista' jkun konformi ma' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet tal-Karta, moqrija fid-dawl tar-rekwiżiti previsti mill-ġurisprudenza tal-Qorti EDB, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Użufrutt ta' artijiet agrikoli) (C-235/17, EU:C:2018:971, punti 164 sa 166).

115. Min-naħa l-oħra, miżuri ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni bħalma hija dik adottata fil-konfront tal-BES, jiġu applikati għal istituzzjoni ta' kreditu biss f'każ ta' falliment jew riskju ta' falliment ta' din l-istituzzjoni [51]. Konsegwentement, f'sitwazzjoni ta' dan it-tip, it-telf ta' valur tal-beni li jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni ggarantita mill-Artikolu 17(1) tal-Karta – jiġifieri l-azzjonijiet u l-obbligazzjonijiet negozjabbli fuq is-swieq kapitali – telf li f'ċerti każijiet jista' jwassal għal deprezzament totali, huwa dovut mhux minħabba dawn il-miżuri, imma minħabba l-istat ta' falliment jew ir-riskju ta' falliment li fih tinsab l-istituzzjoni ta' kreditu.

116. Fir-realtà, l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tnaqqas biss il-valur nominali tal-kapital u tal-istrumenti tad-dejn milquta, peress li tali valur, minħabba l-imsemmi stat jew riskju ta' falliment, ma jibqax jikkorrispondi għall-valur reali tagħhom. Id-deprezzament ta' dawn l-istrumenti huwa għaldaqstant sempliċement formali. Mill-perspettiva ekonomika, il-pożizzjoni tal-investituri, fit-totalità tagħha, tibqa', bħala prinċipju, intatta: fl-agħar ipoteżi, huma ma jiġux żvantaġġati globalment iktar minn kemm kienu jkunu żvantaġġati kieku ma saritx l-azzjoni ta' riżoluzzjoni [52].

117. Fit-tielet lok, jeħtieġ li jiġi rrilevat li ma hemmx dubju li, f'din il-kawża, il-limitazzjonijiet għad-dritt għall-proprjetà msemmija fil-punt 109 ta' dawn il-konklużjonijiet huma previsti mil-liġi, kemm skont l-Artikolu 17(1) kif ukoll skont l-Artikolu 52 tal-Karta.

118. Fir-raba' lok, dawn il-limitazzjonijiet għandhom effettivament għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, u jistgħu jitqiesu bħala meħtieġa għall-interess pubbliku, fis-sens tal-Artikolu 17(1) tal-Karta, f'każ ta' tiċħid tal-proprjetà.

119. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-opportunità tirrikonoxxi li l-għan li tiġi żgurata l-istabbiltà tas-sistema bankarja u finanzjarja huwa fl-interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni, u speċifikament għal dak li jirrigwarda ż-żona tal-euro fl-intier tagħha, kif imfittex mill-istess Unjoni. Dan minħabba r-rwol ċentrali li għandhom is-servizzi finanzjarji fl-ekonomija tal-Unjoni u r-riskju li s-sitwazzjoni ta' diffikultà kbira ta' bank wieħed jew iktar tinfirex rapidament fuq banek oħrajn b'riperkussjonijiet negattivi f'setturi oħra tal-ekonomija u telf finanzjarju kbir għad-depożitanti li jinqdew bil-banek ikkonċernati [53]. Dan l-approċċ huwa barra minn hekk koerenti ma' dak tal-Qorti EDB fil-ġurisprudenza stabbilita tagħha [54].

120. Fil-ħames lok, jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk l-imsemmija limitazzjonijiet humiex proporzjonati meta mqabbla mal-għan imfittex, ħaġa li min-naħa tagħha timplika li jiġi aċċertat li tali limitazzjonijiet ikunu neċessarji u xierqa biex jintlaħaq l-għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni.

[51] Ara f'dan ir-rigward, l-Artikolu 32, b'mod partikolari l-paragrafu 1(a) u l-premessa 41 tad-Direttiva 2014/59. Għal dak li jirrigwarda l-leġiżlazzjoni Portugiża inkwistjoni ara l-Artikolu 145-C tas-SĠIKKF.

[52] Ara, f'dan is-sens, u b'analoġija ma' sitwazzjoni fejn l-att ta' riżoluzzjoni ġie ffinanzjat permezz ta' għajnuna mill-Istat, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Kotnik *et* (C-526/14, EU:C:2016:102, punt 90).

[53] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Settembru 2016, Ledra Advertising *et* vs Il-Kummissjoni u BĊE, (C-8/15 P sa C-10/15 P, EU:C:2016:701, punti 71, 72 u 75). Ara wkoll is-sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, Kotnik *et* (C-526/14, EU:C:2016:570, punt 91).

[54] Ara wkoll Qorti EDB, 7 ta' Novembru 2002, Olczak vs Il-Polonja, CE:ECHR:2002:1107DEC003041796, punt 81, u 10 ta' Lulju 2012, Grainger *et* vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:2012:0710DEC003494010, punti 39 u 42 u 21 ta' Lulju 2016, Mamatas *et* vs Il-Greċja, CE:ECHR:2016:0721JUD 006306614, punt 103.

121. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi stabbilit jekk il-leġiżlatur nazzjonali wettaqx "bilanċ ġust bejn ir-rekwiżiti ta' interess ġenerali tal-komunità u l-imperattivi tas-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali tal-individwu", li jimplika li tiġi vverifikata l-eżistenza ta' "relazzjoni raġonevoli ta' proporzjonalità bejn il-mezzi użati u l-għan imfittex minn kull miżura li ċċaħħad persuna mill-proprjetà tagħha" [55].

122. F'dan ir-rigward, BPC Lux 2 *et* u Massa Insolvente jsostnu li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni timplika ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, inkwantu, b'kuntrast mad-Direttiva 2014/59, hija ma tipprevedix l-applikazzjoni tal-prinċipju "*no creditor worse off*" favur l-azzjonisti, imma biss favur il-krediturі. B'mod partikolari, bil-għan li tiġi ggarantita l-proporzjonalità tal-interferenza fid-drittijiet għall-proprjetà, il-leġiżlatur tal-Unjoni, fid-Direttiva 2014/59, iggarantixxa li l-azzjonisti u l-krediturі affettwati ħażin ma jsofrux telf ikbar minn dak li kienu jsofru kieku l-istituzzjoni ta' kreditu ġiet stralċjata fil-mument li ttieħdet deċiżjoni dwar ir-riżoluzzjoni tagħha.

123. Dawn l-argumenti huma riflessi fil-punti (c) u (d) tal-ewwel domanda preliminari li permezz tagħhom il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni mal-Artikolu 17 tal-Karta minħabba, min-naħa, in-nuqqas li tipprovdi għall-prinċipju "*no creditor worse off*" għall-azzjonisti tal-istituzzjoni suġġetta għall-azzjoni ta' riżoluzzjoni u, min-naħa l-oħra, minħabba l-assenza ta' evalwazzjoni, speċifika, intiża li tiddetermina jekk l-azzjonisti u l-krediturі kinux jirċievu trattament iktar favorevoli f'każ fejn l-istituzzjoni suġġetta għar-riżoluzzjoni kienet tkun suġġetta għal proċedura normali ta' insolvenza.

124. F'dan ir-rigward, nirrileva qabelxejn li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-opportunità tafferma li, fid-dawl tal-kuntest ekonomiku li fih jittieħdu l-miżuri nazzjonali, l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' meta jadottaw deċiżjonijiet fil-qasam ekonomiku, u huma jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jiddefinixxu l-miżuri li jistgħu jwasslu biex jintlaħaq l-għan imfittex [56], jiġifieri f'dan il-każ, l-istabbiltà tas-sistema bankarja u finanzjarja [57].

125. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-opportunità tiċċara wkoll li għalkemm hemm interess pubbliku ċar li tiġi żgurata, fl-Unjoni kollha, protezzjoni qawwija u konsistenti tal-investituri, dan l-interess ma jistax jitqies li jipprevali fiċ-ċirkustanzi kollha, fuq l-interess pubbliku li jikkonsisti f'li tiġi żgurata l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja [58].

126. Għal dak li jikkonċerna speċifikament l-azzjonisti ta' bank, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, min-naħa, li, kif issemma wara kollox fil-punt 95 iktar 'il fuq, skont is-sistema ġenerali applikabbli għall-istatus tal-azzjonisti tal-kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata, dawn tal-aħħar jassumu totalment ir-riskju tal-investimenti tagħhom, sal-ammont tal-kapital azzjonarju tiegħu u, min-naħa l-oħra, li – kif wara kollox jirriżulta mill-punti 115 u 116 – it-telf li jsofru l-azzjonisti

[55] Ara, b'mod partikolari, Qorti EDB, 23 ta' Settembru 1982, Sporrong u Lönnroth vs L-Isvezja, CE:ECHR:1982:0923JUD000715175, punt 69, kif ukoll, 12 ta' Diċembru 2002, Wittek vs Il-Ġermanja, CE:ECHR:2002:1212JUD003729097, punt 53 u 7 ta' Novembru 2002, Olczak vs Il-Polonja, CE:ECHR:2002:1107DEC003041796, punt 74. Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Użufrutt ta' artijiet agrikoli) (C-235/17, EU:C:2018:971, punt 162).

[56] Ara s-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2017, Florescu *et* (C-258/14, EU:C:2017:448, punt 57). Ara wkoll, il-Qorti EDB, 7 ta' Novembru 2002, Olczak vs Il-Polonja, CE:ECHR:2002:1107DEC003041796, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[57] Ara, il-Qorti EDB, 7 ta' Novembru 2002, Olczak vs Il-Polonja, CE:ECHR:2002:1107DEC003041796, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata, u 10 ta' Lulju 2012, Grainger *et* vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:2012:0710DEC003494010, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[58] Ara s-sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, Kotnik *et* (C-526/14, EU:C:2016:570, punt 91).

(imma wkoll il-krediturі) ta' bank f'diffikultajiet għandu, fi kwalunkwe każ, l-istess daqs, irrispettivament mill-kwistjoni dwar jekk it-telf ikunx ibbażat fuq sentenza dikjaratorja ta' falliment jew fuq azzjoni ta' riżoluzzjoni[59].

127. F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-punti 95 sa 98, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, min-naħa, kien fiha dispożizzjonijiet li jieħdu inkunsiderazzjoni l-pożizzjoni tal-azzjonisti tal-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata u tal-interessi tagħhom fil-qafas tal-proċeduri ta' riżoluzzjoni mibdija skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni. B'mod partikolari, kif ġie osservat fil-punti 88 sa 90 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-imsemmija dispożizzjoni fl-Artikolu 145-I tas-SĠIKKF kienet intiża li tipproteġi l-interessi tal-azzjonisti u kienet tippermetti, bil-għan li tiżgura n-"newtralità ekonomika" tal-azzjoni ta' riżoluzzjoni, li l-istituzzjoni ta' kreditu oriġinali (jew il-massa fallimentari tagħha) ma tkunx imċaħħda mill-ammont riżultanti mill-bejgħ tal-patrimonju tal-istituzzjoni tranżitorja wara l-ħlas lura tal-ammonti mħallsa mid-diversi fondi b'titolu ta' self.

128. Min-naħa l-oħra, kif ġie osservat fil-punti 100 u 101, tali leġiżlazzjoni kienet tipprevedi wkoll evalwazzjoni speċifika li tikkorrispondi b'mod ġenerali għall-evalwazzjoni prevista mill-Artikolu 74 tad-Direttiva 2014/59.

129. Minn dan isegwi li tali leġiżlazzjoni, moqrija wkoll fid-dawl tal-ġurisprudenza msemmija fil-punti 125 u 126, u tal-prinċipju msemmi fil-punt 95, ma titfax fuq l-azzjonisti tal-istituzzjoni ta' kreditu f'sitwazzjoni ta' falliment (jew f'riskju ta' falliment) piż sproporzjonat u eċċessiv, u dan indipendentement mill-assenza – b'kuntrast mad-Direttiva 2014/59 –, ta' previżjoni espliċita tal-prinċipju "*no creditor worse off*" favur l-azzjonisti.

130. Għaldaqstant, jeħtieġ fil-fehma tiegħi li jiġi konkluż li, fid-dawl tal-għan ta' interess ġenerali mfittex mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni – jiġifieri dak li tiżgura l-istabbiltà tas-sistema bankarja u finanzjarja u li tevita r-riskju ta' konsegwenzi negattivi ikbar f'każ ta' falliment tal-istituzzjonijiet ta' kreditu f'sitwazzjoni ta' falliment meta mqabbla ma' dawk li jirriżultaw mill-fatt li tali istituzzjonijiet ikunu suġġetti għall-proċeduri ta' riżoluzzjoni – hija ma tipprevedix intervent sproporzjonat u inammissibbli fid-dritt għall-proprjetà tal-azzjonisti u l-miżuri previsti minnha ma jistgħux jitqiesu li huma restrizzjonijiet mhux iġġustifikati għal dan id-dritt[60].

131. Fis-sitt lok, il-qorti tar-rinviju fil-punti (a) u (b) tal-ewwel domanda preliminari tenfasizza li, b'kuntrast ma' dak li tipprevedi d-Direttiva 2014/59[61], il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni applikata għar-riżoluzzjoni tal-BES ma kinitx tipprevedi l-ħlas tal-eventwali korrispettiv, skont l-evalwazzjoni tal-istituzzjoni suġġetta għar-riżoluzzjoni, lil tali istituzzjoni jew, jekk ikun il-każ, lill-azzjonisti jew lid-detenturi ta' titoli ta' proprjetà oħra. Kif diġà ġie rrilevat, l-imsemmija leġiżlazzjoni kienet tipprevedi li l-eventwali residwu tad-dħul mill-bejgħ tal-patrimonju tal-istituzzjoni tranżitorja, wara l-ħlas lura tal-ammonti mħallsa mill-Fond ta' riżoluzzjoni u mill-fondi ta' garanzija l-oħra, kien intiż għall-istituzzjoni ta' kreditu oriġinali jew għall-massa fallimentari tiegħu f'każ li din tkun fi stralċ. Massa Insolvente u BPC 2 Lux *et* isostnu li tali previżjoni ma tissodisfax iż-żewġ kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 120, bi ksur tal-Artikolu 17(1) tal-Karta.

[59] Ara, f'dan is-sens u b'analoġija ma' sitwazzjoni fejn l-att ta' riżoluzzjoni ġie ffinanzjat permezz ta' għajnuna mill-Istat, is-sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, Kotnik *et* (C-526/14, EU:C:2016:570, punti 73 sa 75).

[60] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Settembru 2016, Ledra Advertising *et* vs Il-Kummissjoni u BĊE (C-8/15 P sa C-10/15 P, EU:C:2016:701, punt 74).

[61] Ara l-Artikoli 36(4)(e) u 40(4) tad-Direttiva 2014/59.

132. F'dan ir-rigward, it-tieni sentenza tal-Artikolu 17(1) tal-Karta tipprevedi li, f'każ ta' persuna li tiġi mċaħħda mill-proprjetà, dan għandu jseħħ bi ħlas ta' kumpens xieraq fi żmien utli. Tali dispożizzjoni tipprevedi għaldaqstant żewġ kundizzjonijiet. Min-naħa, il-ħlas ta' "kumpens xieraq" u, min-naħa l-oħra, li tali ħlas isir "fi żmien utli".

133. Għal dak li jirrigwarda, qabelxejn, l-ewwel kundizzjoni, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB, il-kumpens ikun "xieraq", ġeneralment, meta jkun jimmira lejn il-valur fis-suq tal-beni inkwistjoni, iżda jista' eventwalment jitqies bħala tali anki l-kumpens li jkun inqas mill-valur imsemmi [62].

134. Fil-każ ta' restrizzjonijiet fuq id-dritt għall-proprjetà dwar ishma jew strumenti kapitali, fis-sens ta' obbligazzjonijiet, maħruġa minn bank li jkun jinsab jew jirriskja li jsib ruħu f'sitwazzjoni ta' falliment, kumpens ugwali għall-valur tal-istralċ għandu jitqies bħala xieraq. Fil-fatt, mill-mument li fih jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet għar-riżoluzzjoni – jiġifieri l-falliment (probabbli) tal-bank – il-paragun mas-sitwazzjoni ipotetika ta' stralċ jew ta' proċedura normali ta' insolvenza huwa xieraq inkwantu fl-assenza ta' intervent mill-awtoritajiet, l-insolvenza tkun l-unika alternattiva [63].

135. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà affermat li, f'każ ta' falliment jew riskju ta' falliment ta' bank, l-assimilazzjoni tas-sitwazzjoni tal-azzjonisti u tal-krediturі tal-imsemmi bank ma' xenarju ipotetiku ta' stralċ ma jikkostitxxix ksur mhux iġġustifikat tad-dritt fundamentali tagħhom għall-proprjetà [64].

136. Minn dan isegwi li leġiżlazzjoni bħalma hija dik inkwistjoni quddiem il-qorti tar-rinviju li tipprevedi, kemm għall-istituzzjoni ta' kreditu oriġinali, jew f'każ ta' stralċ, għall-massa fallimentari tagħha, l-eventwali residwu tad-dħul mill-bejgħ tal-patrimonju tal-istituzzjoni tranżitorja, wara l-ħlas lura tal-ammonti mislufa mid-difersi fondi ta' garanzija, ma tiksirx ir-rekwiżit tal-ħlas ta' "kumpens xieraq" fis-sens tal-Artikolu 17(1) tal-Karta.

137. Għal dak li jirrigwarda t-tieni kundizzjoni, jiġifieri li l-ħlas isir fi "żmien utli", din għandha tinftiehem, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti EDB, fis-sens li l-ħlas tal-kumpens irid isir fi żmien raġonevoli [65].

138. In-natura raġonevoli tat-terminu għandha titqies fid-dawl tal-imsemmija assimilazzjoni tas-sitwazzjoni tal-azzjonisti u tal-krediturі tal-bank li jkun qiegħed ifalli – jew f'riskju li jfalli – max-xenarju ipotetiku ta' stralċ tal-istess bank. L-azzjonisti u l-krediturі ta' bank f'tali sitwazzjoni jirċievu biss il-ħlas tal-ammonti li għalihom ikollhom dritt wara l-istralċ tal-bank fil-qafas ta' proċedura ta' insolvenza.

139. Madankollu, kif irrilevat il-Kummissjoni, ma huwiex rari li fil-kuntest ta' proċeduri ta' insolvenza ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, l-eventwali ħlasijiet li jirriżultaw mill-istralċ tal-attiv tal-istituzzjoni inkwistjoni jsiru wara ħafna snin, jekk mhux għexieren ta' snin. Għaldaqstant, il-ħlas eventwali tar-residwu tad-dħul mill-bejgħ tal-patrimonju tal-istituzzjoni tranżitorja, previst

[62] Ara, f'dan ir-rigward, *inter alia*, il-Qorti EDB, 25 ta' Marzu 1999, Papachelas vs Il-Greċja (CE:ECHR:1999:0325JUD003142396, punt 48).

[63] Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawżi Aeris Invest vs SRB u Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs SRB (C-874/19 P u C-934/19 P, EU:C:2021:563, punti 113 u 115).

[64] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Lulju 2016, Kotnik *et* (C-526/14, EU:C:2016:570, punti 78 u 79); kif ukoll tal-20 ta' Settembru 2016, Ledra Advertising *et* vs Il-Kummissjoni u BĊE (C-8/15 P sa C-10/15 P, EU:C:2016:701, punti 73 u 74). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawżi Aeris Invest vs SRB u Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs SRB (C-874/19 P u C-934/19 P, EU:C:2021:563, punt 118).

[65] Ara, b'mod partikolari, il-Qorti EDB, 21 ta' Frar 1997, Guillemin vs Franza, CE:ECHR:1997:0221JUD001963292, punt 54.

mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, ma jsirx, bħala prinċipju, fi żmien neċessarjament itwal mill-ħlasijiet bħala parti mill-istralċ u anzi jsir fi żmien normalment iqsar. Minn dan isegwi li, f'kull każ, tali leġiżlazzjoni lanqas ma tikser it-tieni kundizzjoni msemmija fil-punt 131.

140. Bħala konklużjoni, mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li, fil-fehma tiegħi, l-Artikolu 17(1) tal-Karta għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni bħalma hija dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali applikata għar-riżoluzzjoni tal-BES.

IV. Konklużjoni

141. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mit-Tribunal Supremo Administrativo (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Portugall) kif ġej:

1) Leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, adottata qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2014/59/UE tal-15 ta' Mejju 2014, li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment, u emendata qabel l-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni ta' tali direttiva, li, għalkemm ittrasponiet xi uħud mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva, ma ttrasponietx id-dispożizzonijiet ta' din id-direttiva dwar:

   – fl-ewwel lok, it-twettiq ta' evalwazzjoni ġusta, prudenti u realistika tal-attiv u tal-passiv tal-istituzzjoni suġġetta għall-azzjoni ta' riżoluzzjoni qabel l-adozzjoni tagħha;

   – fit-tieni lok, il-ħlas tal-eventwali korrispettiv, skont tali evalwazzjoni, lill-istituzzjoni suġġetta għar-riżoluzzjoni jew, jekk ikun il-każ, lill-azzjonisti jew lid-detenturi ta' titoli oħra ta' proprjetà;

   – fit-tielet lok, il-previżjoni espliċita li l-azzjonisti tal-istituzzjoni suġġetta għall-azzjoni ta' riżoluzzjoni għandhom id-dritt li jirċievu somma mhux inqas minn dik li huwa stmat li huma kienu jirċievu f'każ ta' stralċ totali tal-istituzzjoni skont il-proċeduri normali ta' insolvenza, fejn tali mekkaniżmu ta' salvagwardja jkun previst biss għall-kredituri li l-krediti tagħhom ma ġewx ittrasferiti;

   – u, fir-raba' lok, it-twettiq ta' evalwazzjoni, indipendenti, intiża li tistabbilixxi jekk l-azzjonisti u l-kredituri kinux jirċievu trattament iktar favorevoli kieku l-istituzzjoni suġġetta għar-riżoluzzjoni kienet tkun suġġetta għal proċedura normali ta' insolvenza;

   ma hijiex tali li tikkompromett serjament it-twettiq tar-riżultat li għandu jintlaħaq mid-Direttiva 2014/59.

2) L-Artikolu 17(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali ta' dan it-tip.